# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-'GĦAQDA TAL-MALTI' (UNIVERSITÀ)

JUNIOR COLLEGE
LIBRARY

ILSIEN IL-POPLU JGĦAQQAD NAZZJON

NAZZJON U LSIEN FLIMKIEN JIBNU ĊIVILTÀ

IT-XXX SENA 1961 GĦADD 3

# LEĦEN IL-MALTI

IT-XXX 1961 GHADD 3

DAN IL-GHADD FIH:

L-EDITUR: *Ġieħ lill-Professur Monsinjur P.P. Saydon* – KARMENU VASSALLO: *Prof. Dun P.P. Saydon* – REV. DUN ĠWAKKIN SCHEMBRI: *Il-Professur Saydon u l-Kitba Tiegħu* – KARMENU MALLIA: *Genesis* – DUN KARM SANT: *L-importanza tat-Traduzzjoni tal-Professur Saydon*; *Diskors tal-Wisq Rev. Mons. E. Coleiro nhar l-għoti tad-D.Litt.* (Honoris Causa) *mill-Università ta' Malta lil Dr. A. Cremona (Traduzzjoni mill-Latin)* – V.M. PELLEGRINI: *Waqaf għalik iż-Żmien* – A. CREMONA: *Hi Biss!* – Ġ. CASSAR-PULLICINO: *Karmenu Vassallo u l-Familja* – M. MIZZI: *Għarajjes bla Dar* – A. MALLIA ZARB: *L-Eżametru Verġiljan fil-Malti.*

## ĠIEĦ LILL-PROFESSUR MONSINJUR P.P. SAYDON



FL-AĦĦAR ħarġa ta' *Leħen il-Malti* fraħna lis-Sur Nin Cremona talli l-Università żejnitu bil-ġieħ ta' *Doctor Litterarum* (*Honoris Causa*) bħala turija ta' l-għożża li biha aħna lkoll inżommu l-istudju u l-ħidma tiegħu. Minn dak inhar 'l hawn, jiġifieri fit-12 ta' Novembru tal-1960, l-Università tagħna żejnet bl-istess grad ta' *Doctor Litterarum* (*Honoris Causa*) lil wieħed mill-aqwa professuri tagħha li għamlilha ġieħ bix-xogħlijiet li ħarġu minn idejh, u l-aktar bit-traduzzjoni tal-Bibbja kollha bil-Malti mill-ilsna oriġinali. Dan ix-xogħol lill-Professur Saydon swielu flus u taħbit tgħidx kemm sa ma temmu. Issa Malta tista' tiftaħar li, bħal ġnus oħra, hija wkoll għandha l-Bibbja kollha miġjuba f'ilsien il-poplu. Maż-żmien jikbru studji ġodda u billi mindu ħarġu l-ewwel kotba issa għaddew ħafna snin, il-Professur Saydon jixtieq li toħroġ edizzjoni riveduta tal-Kotba Mqaddsa kollha. Ħsieb sabiħ imma trid il-flus. Dawn jistgħu jinġabru minn Malta u Għawdex jekk kemm-il darba jkun hemm organizzazjoni tajba u sħiħa.

Aħna nifirħu lill-Professur Saydon mhux biss bħala studjuż imma wkoll bħala editur ta' *Leħen il-Malti* sas-sena 1939 meta x-xogħol tal-ħruġ ta' din ir-rivista letterarja tħalla f'idejn il-Professur tal-Malti kif għadu sal-lum. F'din il-ħarġa dedikata lill-Monsinjur Saydon għandna kitba ta' Dun Karm Sant u oħra ta' Dun Ġwakkin Schembri. Kien ikollna nirripetu lil xulxin kieku jiena kelli nikteb iżjed għat-tul dwar il-ħidma tal-Professur Saydon. Dawk li jridu jafu iżjed fuqu jaqraw dawn iż-żewġ kitbiet ta' żewġ qassisin darba waħda studenti tiegħu li kitbu fil-wisa' fuqu għax ja-fuh sewwa kemm bħala Professur tagħhom l-Università kif ukoll bħala studjuż u kittieb.

Lill-Professur P.P. Saydon għal xi snin editur ta' din ir-rivista, nixtiequ saħħa u hena u ħidma ħabrieka għal ġieħ ta' Art twelidu u l-Knisja Maltija.

L-Editur

## PROF. DUN P.P. SAYDON

B.Litt., B.L. Can., D.D., Lic. S. Script.

*Ta' Malta wild, li sebbaħ 'l Alla u lilHa,*
*sejf u tarka tal-Lsien li ntgħaġen b'demmna;*
*sacerdot u kittieb għaqli u ta' ħila*
*li xxierek magħna fit-tigrib ta' hemmna;*

*għaref u patrijott li fit-triq twila*
*w-iebsa tal-ħajja ħabbeb l-għerf ma' l-emmna;*
*fieres li ndaħal f'taqbidiet qalila,*
*u rebaħ kull theddid li ried itemmna;*

*Sajdun, li qalbu sabħa fi lsien ommu,*
*għadu u jibqa', kif kien, il-Mexxej tagħna*
*fit-taqbida għall-ħelsien ta' Lsienna u Jeddu.*

*Sajdun jissokta miexi — u ħadd ma jżommu —*
*miexi 'l quddiem fit-triq tar-rebħa magħna,*
*rebħa li s-snin ġejjiena jżidu jżeddu!*

12.iii.44. K. Vassallo

# IL-PROFESSUR SAYDON U L-KITBA TIEGHU

[*Taħdita tar-Rev. Dun Ġwakkin Schembri, B.A., Lic.D., Lic.S. Script., fil-laqgħa ta' ġieħ lill-Professur Saydon fil-Knisja taż-Żurrieq nhar il-Festa ta' Santa Katarina, il-25 ta' Novembru, 1960*].

IL-PROFESSUR Saydon ma stenna qatt mingħand ħadd tlellix it-tifħir. Dejjem ħadem b'kemm Alla silfu dehen u ħin u ħila, u fuq kull xogħol mitmum kotrana bħall-manna niżlet il-barka mis-Sema. Il-bniedem biss iħallas xort'oħra: xi drabi jroxx is-saħta fejn Alla xerred il-barka! Lill-Professur Saydon kien hawn min ma fehmux, għax moħħu ma jagħtihx; kien hawn min ma fehmux tajjeb, għax ried jifhmu ħażin. Mhux hekk ġralhom l-aqwa fost in-nies kbar li naqraw fuqhom? Hu magħhom jingħadd. Bħalhom ukoll – bħal Kristu, l-ewlieni fosthom – elf darba sab ruħu għarib fost niesu, profeta mhux milqugħ għajr barra minn pajjiżu. Imbagħad, fuq kollox, ta' min jiftakar illi Nażaret kien jibqa' raħal mistur u minsi, li kieku Kristu ma għexx qatt fih: hemm għadd sabiħ ta' għorrief barra minn Malta li jafu b'Malta u biż-Żurrieq għax jafu lil Saydon. Fl-istorja tal-Knisja ġo Gżiritna, il-parroċċa tagħkom tissemma fost l-eqdem u għalhekk għażiża; imma ż-Żurrieq, minnu nnifsu kbir, b'Saydon wisq akbar.

Dan kollu f'waqtu qed ingħiduh. Li kien kliem fieragħ, il-Professur – hu l-ewwel wieħed – kien jitlef kull sabar jismagħni. Fl-aħħar mill-aħħar, ħa jkun hu li jiċċaħħad (kif dejjem għamel) mit-tifħir li jistħoqqlu, imma la jistħoqqlu ma nkunux aħna li nċaħħduh minnu. Ħasibha tajjeb min ħasibha hekk – l-Arċipriet u l-kleru tagħkom. Mela, m'hijiex barra minn waqtha din il-laqgħa ta' ġieħ lil dan il-bniedem kbir, iżjed u iżjed għax qed issirlu ġo raħal twelidu u fl-egħżeż jum tas-sena. B'hekk nistħajjilkom tridu tmorru kontra l-kurrent ta' l-istorja u taraw, imqar għal darba, profeta milqugħ u mweġġaħ f'pajjiżu hekk għal qalbu. Pagna bħal din tal-lum fl-istorja taż-Żurrieq mhux intom biss u uliedkom sa tibqgħu tiftakruha; hemm Katarina fil-Ġenna u f'dan il-25 ta' Novembru qed tieħu ħsieb tniżżilhielkom hi fi Ktieb il-Ħajja bħala 'att ta' ġustizzja' li intom qed twettqu ma' min ta lil Malta l-Bibbja bil-Malti.

Għaddew erbgħin sena minn meta, fl-1919, Dun Pietru Pawl tagħkom sar saċerdot. Tliet snin minnhom għamilhom Ruma fl-Università tal-Gżiwiti, fejn xorob l-ewwel benna ta' għerf fil-qasam ta' l-istudju dwar il-Kotba Mqaddsa. Il-bqija tas-snin xorta waħda għaddiehom mehdi jistudja minn tlugħ ix-xemx sa nżulha. Inġib quddiem għajnejja t-tfal għaddejjin għall-iskola tar-raħal, u xħin jaslu quddiem fejn joqgħod hu hawn quddiem il-knisja arahom jistaqsu lil xulxin: 'Hawn taf min joqgħod?' jaqbeż wieħed minnhom: 'Jien naf. Il-Professur' – bħal kieku jrid ifisser bla ma jaf: 'Dan Żurrieqi bħalna, u b'moħħu miftuħ għalkemm magħluq f'kamartu.'

Nisthajjilha thabbatha ma' ta' l-aqwa Università fl-Ewropa u fl-Amerka l-atmosfera ta' studju li ghandu d-dar. Wiehed studjuż bhalu, patri benedittin Tedesk, li ghadda jarah meta kien Malta sentejn ilu, qal lil xi hadd: 'Mort nara lill-Monsinjur Saydon u erġajt ftakart fil-Kardinal Mercati.'

Haddiem mhux biss min jerfa' t-toqol tal-mazza jew tal-baqqun: xejn anqas iebsa l-hajja ta' min iwieżen bejn subghajh daqsxejn ta' pinna li titharrek mar-ritmu mghaġġel ta' mohh li jahseb. Mill-pinna ta' Monsinjur Saydon harġet hlewwa ta' kitba ta' lewn lokali li tfakkarna fin-novelli ta' Temi Zammit; u meta qrajtu dwar Ġmajru u l-Karrozzi u smajtu bi Fra Luċenz, jew meta flejtu bhal kieku żewġ kwadri ta' Caruana Dingli *Tieġ f'Rahal* u *Fuq il-Monti*, nahseb illi bhali intom xtaqtu lil Dun Pietru Pawl ihallilna mqar novella wahda ghal kull filghaxija ta' kemm-il xitwa tiġi. Xhih maghkom ma kienx, ghax xewqa ikbar qataghhielkom. Takom id-Dramm ta' Santa Katarina biex jirnexxi fuq il-palk minn sena ghal ohra bhalma rnexxa fil-hsieb daqskemm fil-kelma. Lill-Professur ta' pajjiżkom hekk sirtu tafuh ahjar u iżjed thabbibtu mieghu. Iżda tinsewx kif Dun Karm Sant sa jfissrilkom sewwa l-lejla, l-aqwa xoghol li hallielna, mitqlu deheb, hi l-ġabra shiha tal-Kotba Mqaddsa maqlubin fil-Malti mill-ilsna li bihom inkitbu l-ewwel darba eluf ta' snin ilu. Il-Professur Saydon dam tletin sena fuq dan ix-xoghol: wiehed inqas tas-sengha kien jiehu snin wisq itwal. Bhal dak l-istudjuż li darba qaleb fil-Grieg Ktieb l-Ekkleżjastiku miktub bil-Lhudi minn nannuh Ben Sira, Saydon, li qaleb fi lsienna mhux ktieb wiehed ta' l-Iskrittura imma t-tlieta u sebghin kollha kemm huma, jista' hu wkoll jistqarr quddiem kulhadd: 'Ma' tul dak iż-żmien hlejt hafna sahriet u gherf biex inwassal sat-tmiem dan il-ktieb u nohorġu ghall-ġid taghkom ilkoll.' Nies ta' dan il-ġawhra ta' rahal, ġieh kbir ghalikom u ghal ulied uliedkom illi l-Bibbja bil-Malti twieldet iż-Żurrieq. Ftahru kemm tridu, ghax ghandkom jedd tiftahru, b'Saydon u l-Bibbja tieghu.

Ara tahsbu li ma' tul it-tletin sena li ghaddew il-pinna tal-Prof. Saydon xi darba rat ftit tal-mistrieh. Hemm xort'ohra ta' kitba tieghu, li hafna Maltin anqas biss qatt semghu biha, ghax ghalkemm twieldet hawn dlonk sabet ruhha 'l boghod minn Artna. U tafu intom. Ġieh kbir ghalina l-Maltin meta hutna l-emigranti jaghmlu isem tajjeb ghal Malta f'art barranija. Hekk swiet ta' l-oghla ġieh ghal din 'l-Omm li tatna isimha' il-kitba tieghu ta' studju mill-aqwa li dehret f'uhud mir-rivisti li jżejjnu l-kultura ta' l-Ewropa u ta' l-Amerka. 'P. P. Saydon' hi firma li l-qarrej Malti aktarx jafha biss taht xi ittra li tidher xi kultant fil-'Lehen' jew fit-'Times', inghidu ahna, issa biex l-imberkin ta' tfal ma jibqghux ihażżu mal-hitan, issa biex il-bejjiegh tal-halib tal-Gvern jaqdi dmiru u jaqdi n-nies — il-menti f'waqthom ta' bniedem gharef li m'hux maqtugh mid-dinja meta maghluq fl-istudju.

Staghnew bil-kitba tieghu ż-żewġ rivisti li johorġu ghall-kleru Malti

*Melita Theologica* u *Lucerna*; fl-imgħoddi ismu kien jidher ukoll f'*Il-Malti*, f'*Leħen il-Malti*, fis-*Sundial*, u fix-*Scientia*. Hekk ilħaqna rajna kemm tassew kien minn dejjem għal qalbu kull tagħlim għoli fil-pajjiż, l-iżjed fi ħdan il-Knisja u l-Università. Xtaq dejjem elf ġid lill-Malti bħala lsien miktub u mitkellem. Lill-istudenti kollha – iżjed u iżjed, lill-qassisin ta' għada – mhux biss ħeġġiġhom jinxteħtu għal xogħol ta' tiftix, imma qabad u ħażżilhom hu t-triqat mnejn għandhom igħaddu biex xogħol bħal dan jieħu xejra ta' studju xjentifiku għoli. Sa hawn il-ħidma tiegħu li jaf biha, tista' tgħid, kulħadd. Iżda, bħalma għedna, ħafna studjużi għorrief ta' barra ilhom żmien jaqraw artikoli ta' studju miktubin minn dan il-Professur Malti, u aħna l-Maltin – tqta' xi erbgħa bil-għadd – anqas biss nafu bihom! Ingħid għalija, għaxqa tiegħi niftaħ rivista u nilmaħ ismu mnižżel ma' ta' nies kbar oħrajn li bħala kittieba llum jaf bihom ukoll min bilkemm jagħraf A minn B fl-istudju ta' l-Iskrittura. Hekk, dan l-aħħar, f'ħarġa waħda ta' waħda mir-rivisti dehru flimkien artikoli ta' Bea, Alfrink, Vaccari u Saydon – erbgħat iħbieb tal-qalb. Saydon tafu min hu; Vaccari, ġiżwita xwejjaħ li darba għallem lilu; Alfrink u Bea, iż-żewġt iħbieb li sarulu Kardinali.

X'ħerqa miegħu, daqsxejn ta' tifel, jistaqsi dwar zijuh li ma rah qatt, għax ilu żmien l-Awstralja! Hekk, naħseb jien, tixtiequ tisimgħu iżjed dwar l-artikoli ta' studju li l-Prof. Saydon għandu msifrin (biex ingħid hekk) u għadhom qatt ma ġew 'lura lejn pajjiżna. Kemm huma barra? X'siwi kbir għandhom? Tgħid, għad ikollna x-xorti narawhom jaslu fostna?

M'għedtilkomx ħażin, il-moħħ u l-pinna li għandu l-Professur Saydon ħadmu dejjem id f'id u ma jafux b'mistrieħ. Ma nsemmilkomx kemm laħaq kiteb u għallem, dwar it-tifsir ta' passi mill-Kotba Mqaddsa, fix-*Scientia* qabel il-gwerra u f'kull ħarġa tal-*Melita Theologica* minn tmiem il-gwerra 'l hawn. Insemmilkom biss – għax fuqhom qed nitkellmu – dawk l-istudji li dehrulu f'madwar għaxar rivisti li joħorġu barra minn Malta – l-Ingilterra, l-Amerka, l-Italja, il-Belġju, u l-Olanda – rivisti li għandek issibhom imxerrdin kullimkien, f'kull rokna tad-dinja fejn hemm l-iċken ħjiel ta' studju għoli, fuq l-iskrivanija tal-biblisti u ta' l-Orjentalisti, sew Kattoliċi, kemm Protestanti, kemm Lhud. Mill-1946 'il hawn, Monsinjur Saydon kiteb bejn wieħed u ieħor żewġ studji fis-sena għal waħda jew oħra minn dawn il-għaxar rivisti ta' barra. Jarahom ftit min ma kiteb qatt jew min jikteb bla ma jqis fuqiex u kif u fejn.

Għandi naħseb, qabel ma jibda jikteb, il-Professur Saydon kull darba jġib quddiem għajnejh f'idejn min sa tiġi l-kitba tiegħu. Niftakru f'hekk aħna wkoll bħal issa, u waħedna nintebħu bil-livell għoli ta' kulma jikteb. Uħud minn dawk l-artikoli jkun qrahom hu stess fil-kungressi internazzjonali li jmur għalihom fix-xhur tas-sajf. F'dawn il-laqgħat ma jaqrax kull min irid: jinqraw biss l-istudji ta' min ikollu stedina sewwa sew

għal hekk; ġieh kbir għal Saydon li mhux darba u tnejn waslitlu stedina bħal din, ġieh kbir għal Malta li Saydon laqa' dejjem l-istedina bla ma kellu għax jibża' jidher quddiem 300 ruħ ħabibhom l-għerf. Tgħidux li nħobb nilħaq salib in-nies, imma sirt naf li siefer xi tnax-il darba għal dawn il-kungressi ta' studju. Is-sena l-oħra ħa lili miegħu, u rajt b'għajnejja min huma ħbiebu: qabel kont naħseb li ħbiebu l-kotba biss, imma issa ntbaħt li jaf lil min kitibhom daqskemm jaf x'kitbu. Jaf sewwa lil Bea u Albright, Driver u Cazelles, De Vaux u Rowley, bħal kieku lkoll iż-Żurrieq joqogħdu u jiltaqa' magħhom kuljum. Nies bħal dawn jafu jinħabbu bejniethom; u bħalma juri ħerqa Monsinjur Saydon biex jaqra l-aħħar xogħlijiet ta' sħabu, hekk jilqgħu huma wkoll kull artikolu ta' studju li jidher b'ismu.

Fuqhiex jitħaddet fil-kitba tiegħu, il-Professur Saydon? Biblista ifisser wieħed mixħut b'ruħu u b'ġismu għall-istudju tal-problemi kollha li jqumu fit-tifsir ta' l-Iskrittura Mqaddsa; u b'orjentalista nifhmu wieħed li jistudja fil-fond id-drawwiet qodma ta' l-artijiet tal-Lvant – ewlenija fosthom il-Palestina – flimkien ma' l-ilsna semin li dawk in-nies ta' żmenijiet imbiegħda kienu dari jħaddmu fil-kitba li waslet sa għandna illum. Il-Professur Saydon hu orjentalista daqskemm hu biblista, u nistgħu ngħidu li fiż-żewġ oqsma ta' studju għamel isem. Li ma kienx hekk, l-artikoli li kiteb ma kenux jissemmew – u jissemmew fil-ġid – fil-kitba ta' biblisti u orjentalisti kbar oħrajn. Xtaqt semmejthomkom wieħed wieħed, dawk l-artikoli, u kontu ssiru tafu x'fihom u x'siwi għandhom. Issa mhux waqt, u l-iżjed għax ħafna nies jonqsilhom l-interess minflok jiżdied meta tidħlilhom fl-irqaqat ta' ħwejjeġ li ma jmissux mill-qrib il-ħajja ta' kuljum. Insemmi biss li Saydon hu filologu metikoluż, u dan ifisser li l-ħena tiegħu jgħarbel ġo moħħu xi kelma bil-Lhudi jew bil-Għarbi sa ma jirnexxilu jasal għat-tifsira li darba kellha imma ntilfet u li issa aktarx ikun hu li sabhielna mill-ġdid. L-irqaqat tal-grammatika Lhudija u Griega mhux biss jaf bihom jew jafhom kollha; kiteb artikoli fuqhom, fejn xeħet kemm-il xaqq dawl fuq irqaqat ta' verbi u fuq 'modi ta' espressjoni' fl-ilsien Lhudi.

Fil-qasam ta' l-istudji bibliċi, tassew spikkaw mhux ftit x'uħud mill-artikoli tiegħu, ingħidu aħna, dak li deher l-Amerka fl-1946 dwar in-natura u l-mottiv ta' xi sagrifiċċji milli jissemmew fi Ktieb il-Levitku – qabel miegħu min dan l-aħħar stħarreġ għal rasu l-kwistjoni kollha f'teżi tal-lawrja ġo l-Istitut Bibliku.

Il-Kotba Mqaddsa tagħlim bla ebda żball insibu fihom, għax huma l-Kelma ta' Alla; imma (biex infisser ruħi f'epigramma) bħal kotba oħrajn li għadda ż-żmien minn fuqhom, ma waslux għandna mingħajr it-trab ta' fuqhom. B'dan nifhmu ngħidu li l-Bibbja għandha l-problemi tagħha, sew fil-għażla ta' din jew ta' dik il-kelma bħala t-test ġenwin, sew fil-mod ta' kif u meta nkiteb kull wieħed mill-Kotba Mqaddsa. Stħajjluha kobba mħabbla;

imma tagħmlux bħal x'uħud u twaħħlu fl-istudjużi: waħħlu fiż-żmien, jekk tħabblet; l-istudjużi sehemhom hu li jaqbdu issa tarf issa ieħor bit-tama li sa fl-aħħar tinħall kollha. Dan l-aħħar, il-Professur Saydon sab tarf għalih, tarf ġdid. It-teorija tiegħu tibqa' magħrufa bħala li *Scroll Theory*. Aktarx li l-Kotba Mqaddsa, iktar u iktar l-itwal fosthom, – ingħidu aħna, *Isaija u Ġeremija* – kull wieħed minnhom ma nkitebx f'nifs wieħed u lanqas fuq skroll wieħed, hekk kif jaħtieġli ħafna pitazzi biex nikteb rumanz fit-tul. Il-profeta jew kittieb ieħor imnebbaħ minn Alla kien aktarx iżid hu stess ma' dak li jkun niżżel drabi oħrajn u ġie li kien ibiddel xi ħaġa wkoll, skond ma jitolbu ċ-ċirkostanzi, għax iż-żmien jitbiddel u d-drawwiet ukoll u l-predikazzjoni mhux dejjem għall-istess nies kienet issir: ħaġa li nifhmuha lkoll, il-predikaturi tal-Missjoni l-Kbira li għandkom fostkom bħal issa ma jgħidux l-istess ħaġa bl-istess mod ġol-Mellieħa, fiż-Żurrieq, u ġo tas-Sliema. L-aqwa problemi li jinħallu bit-Teorija tal-Professur Saydon huma dawk ta' fejn, f'uħud mill-Kotba Mqaddsa, jidher li mhux kollox baqa' ħaġa war'oħra kif tniżżel meta nkiteb. X'seta' ġara? Meta, ħafna snin wara, l-iskrollijiet inġabru flimkien biex issir kopja tagħhom fi ktieb wieħed, aktarx li min ġabarhom ma rnexxilux isib il-fil u, bla ma jaf, ma ikkupjax skroll wara ieħor bl-ordni ta' kif inkitbu. Isem Saydon jibqa' marbut għal dejjem ma' din it-Teorija tar-Rombli fil-qasam ta' studju li nsejħulu l-kritika letterarja tal-Kotba Mqaddsa.

Dwar is-sehem li kellu hu fil-Kommentarju tal-Bibbja maħruġ mill-Kattoliċi ta' l-Ingilterra fl-1953, insemmilkom biss li, għax ix-xogħol tiegħu ingħoġob, minflok Ktieb wieħed tawh sitta biex ifissirhomlhom, u m'humiex fost l-eħfef. Barra minn hekk, taħsbux li xogħol ħafif tikteb kommentarju ta' ktieb ta' l-Iskrittura f'25,000 kelma biss, meta tħoss x'igħidlek ġo fik: 'Kif sa niġbor kollox f'inqas minn daqshekk darb'oħra?' Habat tajjeb li l-Professur Saydon nieqes minn ħaġa waħda – id-don tat-tpaċpiċ – u għalhekk fil-kitba ma rnexxiex bil-ftit.

Ħafna mill-Maltin ta' barra ma rawhiex darb'oħra l-Gżira tagħna. Ta' min tkun il-ħtija jekk dawk li sejjaħnielhom l-artikoli msefrin tal-Prof. Saydon ma jiġu qatt jarawna? Il-Bibbja tiegħu, qabel xejn, għandha tinġabar fi ktieb wieħed; imma jixirqilhom hekk ukoll dawk l-artikoli ta' studju li semmejna. Ġabra bħal din tkun l-isbaħ 'inċens u deheb' għal min, is-sena d-dieħla, jagħlaq tletin sena Professur ta' l-Iskrittur fl-Università ta' Malta.

Għażiż Professur, kull meta naqraw il-Bibbja bil-Malti insiġ tiegħek u bin-noti li tajtna fiha, jew meta nifthu l-Kommentarju ingliż fejn ktibtu int, jew xhin nixtarru l-aħħar artikolu li jkun deher b'ismek, dejjem xorta waħda toħroġ waħedha minn fommna l-istqarrija li darba nstemgħet qrib Għemmaws: 'Ma kenitx qalbna mixgħula fina, hu u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Kotba (Mqaddsa)?' Naf tajjeb li 'mhux bis-snin biss tinqies il-ħajja

tagħna', imma 'l Alla nitolbu jisilfek iżjed, biex tibqa' taqla' mija fil-mija fil-qasam li l-Mulej tak taqdi magħna. Għal min hu bħalek biss u daqsek jgħodd kliem ix-xwejjeħ Ben Sira:

'Kemm idum ħajj, ismu mweġġah aktar minn elf,
u wara li jistrieħ aktar jissemma.'

Saydon imut, imm' ismu jibqa', u tibqa' l-kitba tiegħu.

## GENESIS

*Fi lwien ta' l-għaġeb kienet tgħum is-sema*
*Imdendla ġewwa l-baħħ;*
*Herqana x-xemx satritha b'mitt elf demgħa*
*Bi truf subgħajha twal.*
*Il-jum, xurban b'inbid il-hena u l-għana,*
*Beda triqtu mitluf f' żifna ġitana.*

*U għadda jtir fuq tal-ħolqien il-qtajja'*
*Nifs il-Qawwa li trodd,*
*B'ħilitha ġġedded kull minfuħ bil-ħajja;*
*U f'dil-firxa bla qies,*
*Welled, f'dak l-għoli, fewġa kollha fwieħa*
*U bagħatha tirgħa fuq l-art xierfa u xiħa.*

*U l-art ħaddnitha bħalma tross fuq qalbha*
*Naħla għasel il-ward.*
*Għanniet il-fewġa sakemm ġiet imsallba*
*Fuq l-għuda ta' l-għixien.*
*Baqgħet tfaħħar, bħal sigra, 'l min żeragħha*
*Li, għax riedha tixbhu, bagħat xbihietu magħha.*

3.viii.56. KARMENU MALLIA

# L-IMPORTANZA TAT-TRADUZJONI TAL-PROF SAYDON

(*Diskors fl-Akkademja iż-Żurrieq*, 25.ii.60)

Ta' Dun Karm Sant

Kemm-il-darba ġejt iż-Żurrieq daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra. Iżda qatt daqs illum ma ħadt pjaċir niġi. Din id-darba ġejt mhux biex nara l-ġmiel tal-Knisja jew tal-festi li tagħmlu; jonkella biex nistieden il-Banda Santa Katerina għall-festa tal-Lunzjata; jew biex nara l-ħbieb li għandi ħafna minnhom fostkom. Illum ġejt biex nagħti ġieħ u qima lil wieħed saċerdot li għamel unur, u unur mhux żgħir, lil dan ir-raħal ta' Santa Katerina, lill-Malta u lill-Knisja Mqaddsa bix-xogħol tiegħu. Il-Wisq Reverendu Mons. Prof. P.P. Saydon għamel dak li llum bla tlaqliq ngħidilkom li l-ebda għaref ma jagħmel: qaleb fil-Malti l-Kotba tal-Iskrittura, ħamsa u sebgħin ktieb mill-Lhudi u l-Grieg, l-ilsna li bihom inkitbu. Ħadd ma jista' jifhem dan daqs min ta ruħu bis-serjeta għall-istudju tal-Kotba Mqaddsa. Iżda barra li hi ħaġa tqila fiha nfisha, hi kienet ħaġa tassew sewwja llum meta l-poplu tagħna tista' tgħid kollu jaf jaqra bil-Malti u għandu bżonn ikun jaf dawn il-Kotba fuq ponot subgħajh. Għal dan għandna tassew għax nizżu ħajr lill-Prof. Saydon, nibqgħu nafuhulu u biex nagħmlu dan se nurikom fuq fuq l-Importanza u l-ħtieġa ta' dax-xogħol tal-Professur, li barra li kien u li hu mgħallem tiegħi għandi l-unur ngħoddu fost l-għeżeż ħbieb. Li kieku ma kienx hu kieku llum ma iniex qiegħed quddiemkom inkellimkom fuq dan. Tgħallimt minn għandu fl-Università u fid-dar tiegħu taż-Żurrieq; rajtu jaħdem, jistudja u jikteb; u tgħaxxaqt bir-reqqa u s-serjetà li bihom kien inizżel kelma wara li jkun għarbilha u qiesha u wiżenha. Stagħġibt bil-kuraġġ u s-sabar tiegħu fit-tfixkil li iltaqa miegħu, tfixkil xi mindaqqiet minn bnadi li ma tistenniex; iżda l-Professur, miġbur f'kamartu u daru l-bogħod minn kullħad ma' Alla, miegħu nnifsu u mal-kotba tiegħu baqa' sejjer jaħdem u jisħar sakemm wara ħidma ta' tletin sena sħaħ wasal fit-tmiem it-traduzjoni tal-Kotba Mqaddsa bil-Malti.

Iż-żmenijiet li għaddejja minnhom huma żmenijiet ta' taqlib liema bħalu li fih għandna nidħlu daħla sewwa fil-qalba tal-fidi, biex naraw x'inhi sewwa n-natura essenzjali tal-Kristjaneżmu biex ngħixu aħna ta' nsara u nibnu sewwa ċ-*civitas christiana* mill-ħerba intellettwali, morali, spiritwali u reliġjuża ta' madwarna. Ħerba intellettwali għax bil-qajla l-qajla l-għerf tal-bniedem qed jinqata' ġmielu minn Alla; ħerba morali fin-nuqqas ta' rażna fl-imġieba u ħajjitna, ħerba spiritwali fiċ-ċaħda tal-ħajja ta' l-ispirtu, ħerba reliġjuża għax ħafna tilfu kull sens ta' reliġjon ħierġa mill-qalb biex

ħolqu reliġjon oħra, reliġjon imdawra u miġbura fil-persuna tal-bniedem.

Dan li qed ngħid mhux biss għall-pajjiżi barranin fejn għadu jsaltan il-Kristjaneżmu jonkella għadhom igħixu fuq il-wirt tiegħu imma wkoll għall-gżejjer tagħna. Fejn għandna l-ħajja moderna, il-ħajja konxja mfassla fuq teoriji u tagħlim li qed naraw f'ħaddieħor u nimitaw; u ħajja oħra tradizzjonali nisranija li writna min misserijietna. Il-waħda hi ġdida u rriduha għalkemm inħossu li ma għandha x'taqsam xejn mal-fidi tagħna u l-oħra nħossuha ħaġa waħda magħna imma bil-ħajja tagħna qed nuru li qed inħossuha toqol żejjed fuqna. Il-frott ta' din il-ħajja doppja, biex ngħidu hekk, hu t-taħwid tal-kuxjenzi u l-ħajja b'żewġt uċuh: reliġjon fil-Knisja u profana fit-triq u bnadijiet oħra.

Din il-problema, kif għedna, inħasset barra minn pajjiżna u mmexxija mit-twiddib u t-twissija tal-Knisja l-Insara ħutna barra mix-xtut tagħna qegħdin bil-qajla l-qajla jerġgħu lura lejn l-għejjun tal-Fidi Nisranija biex minnhom jieħdu l-ilma safi għat-tisqija tal-ħajja tar-ruħ u jġeddu mill-qiegħ il-ħajja nisranija. Il-għejjun ta' dan it-tagħlim huma t-tradizjoni u l-Kotba Mqaddsa, it-tnejn għandhom l-istess awtorità u verità ta' Ġesù Kristu. Għalhekk nilmħu fost dawn l-insara studji sħaħ fuq it-tagħlim tas-Santi Padri, studji fuq il-Liturġija, u studji fuq il-Kotba Mqaddsa. It-tagħlim tal-Knisja f'dawn il-pajjiżi ħa xejra ġdida u saħħa liema bħalha: qawwa u forza li qed iżżomm lil ħutna sħaħ kontra s-soċjaliżmu u l-komuniżmu atew, l-ikbar u l-isħaħ għadu li qatt kellha l-Knisja: qed iżżomm iebes għax il-materjaliżmu jagħmel x'jagħmel ma jista' qatt jirbaħ għal kollox l-ispirtu tal-bniedem.

Kull min josserva, jaħseb u jifli sewwa l-qagħda reliġjuża u soċjali tal-gżejjer tagħna għandu jintebaħ malajr li xejn inqas minn pajjiżi oħra l-gżejjer ta' Malta u Għawdex għaddejjin mill-istess ilma bid-divrenzja li barra diġa jinsabu mgħarrgħa fir-Rivoluzjoni jonkella jinsabu f'taqliba daqshekk kbira li qegħdin jitħabtu u jirsistu biex jerġgħu jxettlu, jrawmu, jkabbru u jsaħħu l-ħajja Nisranija. Aħna li għadna ma wasalniex f'dan l-istat għandna noqogħdu attenti biex infarfru t-trab u l-għanqbut li dawru u forsi ħonqu għal kollox l-ispirtu ġenwin tal-Fidi tagħna. Jekk ma jsirx dan jista' jiġrilna li dak li konna naħsbu li hu ħajja reliġjuża u nisranija ġenwina ma kienx ħaġa oħra ħlief qoxra bla ħajja u bla gost. Għalhekk għidtilkom li t-traduzjoni Maltija tal-Bibbja magħmula fuq kriterji serji u sodi ma setgħetx tasal f'idejna f'waqt aktar tajjeb minn dan. Jinħtieġ li nitgħallmu l-Bibbja kif imfissra mis-Santi Padri u l-Knisja. Kliem l-Appostlu Missierna lil Timotew jista' jingħad lil Malta: 'Sa minn żgħożitek inti taf il-Kitba Mqaddsa li tista' tagħtik il-għerf għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù.' Kull kitba milhuma minn Alla, tiswa wkoll għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ġustizzja, biex il-bniedem t'Alla jkun mitmum, mrawwam għal kull għamil tajjeb, 2 Tim. 3,

14-17. It-triq tas-salvazzjoni, jiġifieri, tal-fidi u l-ħajja nisranija tagħna, hi dik li juruna t-tradizzjoni u l-Bibbja miġbura flimkien fil-ħajja tal-Liturġija tal-Knisja kif kienu sa minn dejjem fil-ħajja tal-Knisja.

B'inkejja tat-tfixkil li l-Knisja f'Malta qed issib quddiemha ħadd ma jista' jiċħad li hemm x'itik x'tittama sewwa u dan hu l-għatx għat-tagħlim f'kull qasam tal-ħajja sew jekk hu reliġjuż sew jekk hu profan. Dan l-għatx għat-tagħlim kien li ħoloq il-ħtieġa ta' kitba Maltija u nies li kell-hom u għandhom għal qalbhom it-tagħlim tal-poplu ħasbu biex kitbu u qegħdin jiktbu artikli, gazzetti u kotba b'dan il-għan. It-traduzjoni tal-Bibbja bil-Malti, kif kiteb il-Prof. Saydon innifsu, hi marbuta ma'din iċ-ċaqliqa tal-Kitba Maltija. L-ewwel tradutturi bħal Prof. Saydon stess kienu kollha mexxejja tal-moviment favur l-Ilsien Malti bħala mezz ta' tagħlim u edukazjoni popolari. Jekk dan il-moviment kien il-frott ta' din ix-xewqa qaddisa ta' tagħlim il-poplu, dan il-moviment stess, flimkien ma' l-edukazjoni obligatorja issokta saħħaħ u kebbes ix-xewqa tal-poplu li jitgħallem u jieħu sehem qawwi fil-ħajja tal-pajjiż. Ma baqax iktar passiv quddiem il-problemi tal-ġurnata; imma ried ikun jaf, jaħseb u jagħti l-fehma tiegħu fuqha. Ġara għalhekk li bħalissa fil-pajjiż tagħna hawn mewġa ta' taqlib li jekk fiha l-perikli, fiha wkoll it-tajjeb tagħha sew għal dik li hi ħajja ċivili kemm dik reliġjuża. Fejn qabel kellna poplu li ma jafx jaqra kelmtejn ta' tagħlim reliġjuż illum nistgħu intuh kotba u kitba oħra fuq il-veritajiet tal-fidi u jaqrahom, ifiegħmhom, jixtarrhom, jiggustahom u jinheja bihom. Fi kliem ieħor illum il-poplu tagħna jista' jaqbad il-Kotba Mqaddsa f'idejh, jaqrahom u jieħu l-għana kollu li jista' jsib fihom. U dan issa jista' jagħmlu għax tgħallem u għax għandu f'idejh it-traduzjoni Maltija magħmula bis-sengħa mill-ilsna oriġinali il-Grieg u l-Lhudi, li bihom inkitbu dawn il-Kotba Mqaddsa. Għandna tassew għax nizżu ħajr lill-Provvidenza ta' Alla li sewwa sew f'dan iż-żmien tatna f'idejna l-għodda ewlenija biex nerġgħu naraw sewwa x'inhi l-fidi tagħna u dmirijietna skond il-Vanġelu ta' Ġesù Kristu. Bis-saħħa tal-Kotba Mqaddsa niġu wiċċ imb'wiċċ ma' Ġesù u ma' Alla l-imbierek bħalma żewġt iħbieb jiltaqgħu meta jaqraw l-ittri ta' xulxin. U bħalma l-ittri jservu biex iġeddu u jkebbsu mill-ġdid l-imħabba bejn min jiktibhom hekk imħabbitna għal Alla tiġġedded meta aħna nduqu l-benna tal-Kelma t'Alla. U dan hu l-bżonn kbir taż-żmenijiet tagħna: Imħabba kbira lejn Alla u l-Knisja tiegħu.

L-Appostlu Missierna jgħallimna li l-Kotba Mqaddsa jtuna s-salvazzjoni. Din is-salvazzjoni tibda bil-fidi f'Ġesù Kristu; imma ma jistax wieħed jemmen jekk ma jkunx jaf il-verità ippridkata minn Ġesù Kristu u l-Appostli tiegħu. Din il-verità nsibuha fit-tradizzjoni tal-Knisja li tibda minn żmien Ġesù u tasal sa jiemna. L-ewwel ħolqa f'din il-katina twila huma l-Kotba Mqaddsa. L-ebda dokument ieħor sew uffiċjali tal-Knisja kemm mill-Kitba tas-Santi Padri ma hu eqdem mill-Kotba Mqaddsa jekk

inwarbu xi wieħed jew tnejn. Għalhekk barra li l-Kotba Mqaddsa huma spirati minn Alla u għalhekk għandhom awtorità assoluta, huma li jwassluna l-iktar lejn Ġesù u żmenijietu. Hemm insibu ras il-għajn tgelgel bl-ilma safi tal-predikazzjoni ta' Ġesù u l-Appostli. Minn hemm biss nistgħu nitgħallmu sewwa x'inhi s-salvazzjoni li ġieb Ġesù li fiħ għandna nemmnu. Il-Kotba Mqaddsa, speċjalment it-Testment il-Ġdid, huma l-frott ta' l-ewwel ġenerazzjoni tal-Knisja Mqaddsa, dik il-ġenerazzjoni imrawwma minn Ġesù stess u l-Appostli.

Il-Bibbja turina sewwa x'inhi s-salvazzjoni mwettqa minn Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla u Iben Marija, li bata, miet u qam mill-Imwiet biex aħna ngħixu u nirbħu l-grazzja li tlifna bil-waqa' ta' Adam. Hi s-salvazzjoni li minnha aħna għandna sehem jekk kemm-il-darba nieħdu sehem fit-tbatija ta' Ġesù u nsofru miegħu. Hawn il-qofol tal-ħajja nisranija. Jikteb l-Appostlu lill-Korintin: 'Meta ġejt għandkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom ix-xhieda t'Alla bi kliem għoli jew bil-għerf. Għax ma ridt naf xejn fostkom ħlief Ġesù Kristu u Ġesù Kristu Msallab.' Is-salib ta' Ġesù hu l-qofol tal-fidi Nisranija, tgħallimna il-Bibbja.

Tissokta tgħallimna l-Bibbja li nsalvaw bil-fidi f'Ġesù Kristu dik il-fidi iġifieri li biha nilqgħu l-verità ppridkata minnu u nagħtu ruħna kollna kemm aħna lilu.

Lil Timotew l-Appostlu Missierna jtennilu: 'għat-taħriġ fil-ġustizzja, biex il-bniedem t'Alla jkun mitmum, mrawwem għal kull għamil tajjeb.' Il-Kristjaneżmu ma huwiex xi sistema ta' filosofija: imma hu programm ta' ħajja, ta' ħajja sopranaturali, frott tal-grazzja li jkun fir-ruħ. Il-Kotba Mqaddsa jgħinuna biex ngħixu din il-ħajja għaliex ituna t-tagħlim meħtieġ, juruna t-triq, imma mhux dan biss: ilaqqgħuna m'Alla l-Imbierek, l-awtur u l-għajn tal-grazzja. Il-Knisja Mqaddsa tinċensa l-Ktieb tal-Vanġelu u fil-Knisja Griega nsibu l-Bibbja miżmuma fuq l-artal ħdejn is-Sagrament. Hemm tinsab il-kelma tiegħu u meta naqraw inkunu qegħdin niltaqgħu wiċċ imb'wiċċ m'Alla stess. Il-Bibbja hi sagramental li tqanqal fina dawk id-disposizzjonijiet meħtieġa biex nikkorrispondu mal-grazzja li dak il-ħin Alla nnifsu jtina bil-qari tal-kelma mqaddsa. Hi tgħinna biex nagħmlu dak li jitlob minna Alla.

Fil-Bibbja nsibu mhux biss it-triq imfassla lilna, lanqas biss it-tnissil tad-disposizzjonijiet għall-grazzja imma wkoll l-eżempji ta' ħajja qaddisa; insibu, fi kliem l-Appostlu, 'kull għamil tajjeb': il-patrijarki, il-profeti, l-imħallfin, is-Slaten bħal David, il-għorrief, l-Appostli, u Ġesù stess. Ma hemmx klassi jew kondizzjoni ta' nies li fiha ma tistax issib l-eżempju ta' ħajja qaddisa marbuta m'Alla. Irġiel u nisa, miżżewwġa u m'humiex, kbar u żgħar, għonja u foqra, għorrief u injoranti, kullħadd għandu jsib l-eżempju li minnu jieħu l-kuraġġ biex jimxi 'il quddiem fil-ħajja iebsa tal-qdusija bis-salib fuq spallejh flimkien ma' Ġesù Kristu.

Mhux ta' b'xejn mela li l-Knisja sa mill-ewwel granet tagħha nqdiet b'din il-Kelma Mqaddsa biex trawwem il-fidili tagħha, tgħallimhom il-verità eterna. Jikteb San Ġilormu: 'Jekk hemm xi ħaġa, li f'din il-ħajja żżommok għaref u fit-taħwid u n-niket tad-dinja żżommok kwiet jien żgur li ma hemmx ħlief il-qari u l-meditazzjoni tal-Kotba Mqaddsa.'

IL-QARI TAL-KOTBA MQADDSA

Milli għedna jidher ċar li jinħtieġ li naqraw u naqraw sewwa u tajjeb il-Kotba Mqaddsa. Il-Knisja Mqaddsa dejjem ħeġġet il-qari tagħhom, sa mill-bidu nett tal-ħajja tagħha.

Kemm-il darba naraw lil Ġesù Kristu jidħol fis-sinagogi ta' Nażareth u bnadi oħra, jieħu il-Bibbja f'idejh u jfissirha lin-nies, u dawn, igħid San Luqa, kienu jibqgħu b'għajnejhom imwaħħla fih. Fl-aħħar narawh nhar il-qawmien tiegħu mill-Imwiet ifisser il-profeti tat-Testment il-Qadim lid-dixxipli ta' Emmaws li ma ridux jemmnu fir-Resurrezzjoni mħabba li Ġesù kien imsallab u umiljat quddiem id-dinja. Imma Ġesù bis-sabar kollu urie-hom li kulma sar kien diġà mħabbar fil-Bibbja u kif qalu huma stess qalb-hom bdiet tikbes bil-ferħ u l-imħabba meta hu kien qiegħed jitkellem: 'Ma kinetx qalbna mixgħula fina hu u jkellimna fit-triq u jfissirilna l-Kotba?' Lq. 24, 32. L-Appostli mxew fuq l-eżempju ta' l-Imgħallem u bdew huma wkoll jaqraw il-Kotba Mqaddsa u jfissruhom lill-poplu. San Pietru, San Ġwann, San Pawl, kollha kemm huma bnew it-tagħlim tagħhom fuq it-Testment il-Qadim u l-Vanġelu ta' Ġesù. Fit-tieni seklu San Ġustinu jiktbilna dan il-kliem: 'U fil-jum imsejjaħ Jum ix-Xemx, (jiġifieri il-Ħadd) jinġemgħu flimkien wieħed dawk kollha li joqogħdu fl-ibliet u rħula u jinqraw il-Kotba ta' l-Appostli u l-profeti kemm itina ż-żmien. U mbagħad meta jieqaf il-qarrej ir-ras tal-ġemgħa jwiddeb u jħeġġeġ il-miġemgħa b'tifkira ta' dawn il-ħwejjeġ sbieħ.' Dan il-kliem jurina li diġà f'nofs it-tieni seklu kienu daħlu l-elementi essenzjali li nsibu fil-Quddiesa llum, fi kliem ieħor il-qari ta' l-Iskrittura jagħmel sehem importanti fil-Liturġija, kif għadu jsir fi żmienna. Taraw intom kif fil-quddiesa kantata l-Vanġelu hu kantat bis-sollenità kollha, għax fih hemm il-kelma t'Alla, il-Verb Etern, li bħal-ma nkarna f'ġuf Marija issa hu nkarnat fil-Kotba Mqaddsa. Il-Knisja dan għamlitu għax fihom dejjem rat mezz qawwi għall-perfezzjoni, għat-tagħlim u l-formazzjoni nisranija tal-fidili kollha. Lactantius jikteb: 'Aflna nsejħu l-poplu f'ras il-għajn, jiġifieri l-Bibbja nfisha, sabiex jaqtgħu l-għatx li l-qari ta' l-Iskrittura jqajjem fina. . . L-esperjenza ta' kuljum turina x'tista' tagħmel il-kelma t'Alla fl-erwieħ.' U San Ġwann Krisostmu jħeġġeġ lill-Insara b'dan il-kliem: 'Jien nitlobkom li tiksbu l-Iskrittura Mqaddsa, li hi d-duwa tar-ruħ, għallinqas it-Testment il-Ġdid'.

Dan l-eżempju ta' Ġesù, għamil l-Appostli, il-Kelma tas-Santi Padri il-Liturġija tal-Knisja u t-tagħlim ta' l-aħħar Papiet migbura fi kliem il-Pa-

pa Piju Tnax: 'Aħna nittamaw li bis-saħħa ta' dan ix-xogħol u oħrajn mibnija li kulljum qed jixterdu u jikbru bħalma huma għaqdiet bibliċi, kongressi, konferenzi, libreriji, konfraterniti għall-meditazzjoni tal-Vanġelu, li 'l quddiem jikbru l-qima, l-użu u l-istudju ta' l-Iskrittura u jservu ta' ġid għall-erwieħ kollha', hu biżżejjed biex jippersważina li għandna naqraw u nhaddmu l-Iskrittura iktar u iktar milli għamilna s'issa.

IL-QARI TA' L-ISKRITTURA F'MALTA

Waħda mill-akkużi tal-protestanti kontra l-Kattoliċi hi li ma jaqrawx il-Kotba Mqaddsa. Kif rajna dan mhux veru; jekk il-poplu ma kienx jaqra l-Kelma t'Alla dan għax ma kienx jaf jaqra u fl-istess ħin ma kienx iħoss il-bżonn għax kien jaf il-veritajiet tal-fidi jew mill-predikazzjoni jew mill-katekiżmu li qatt ma naqsu. Imma issa li l-biċċa l-kbira tal-poplu sar jaf jaqra jinħtieġ li jaqbad f'idejh il-Kelma t'Alla. Il-Provvidenza issa tatna din it-traduzzjoni ġdida u ma għandniex skuża oħra biex naħbu l-għażż tagħna.

Jinħtieġ li l-Bibbja tkun moqrija, min kull wieħed waħdu, mill-familji, mill-għaqdiet, min-nies li għandhom f'idejhom it-tmexxija tal-pajjiż, mill-għaqdiet reliġjużi, fil-Knisja waqt il-funzjonijiet. F'kelma waħda il-qari tal-Kotba Mqaddsa għandu jidħol kullimkien bħalma jinsab ir-Rużarju ta' Marija.

Il-Papa Piju Tnax fl-Enċiklika *Divino Affante Spiritu* iħeġġeġ biex dan il-qari jidħol fil-familji nsara kif kien diġa għamel San Ġwann Krisostomu meta ħeġġeġ lill-Insara b'dan il-kliem: 'Wara l-funzjoni tal-Knisja meta terġgħu lura lejn djarkom ħejju żewġ imwejjed waħda bl-ikel tal-ġisem u l-oħra bl-ikel ta' l-Iskrittura. Halli r-raġel itenni li jkun ingħad u martu titgħallem; l-anqas ma għandhom ikunu mċaħħda l-qaddejja mill-qari tal-Bibbja, (LV Pag. 163).' Araw xi jkun ifisser kieku kull familja Maltija ddaħħal fi ħdanha d-drawwa li taqra mqar paġna waħda mill-Kotba Mqaddsa. Dan kienu jagħmluh il-familji ta' l-imgħoddi fejn kienu jafu jaqraw u dan għandu jsir illum flimkien mar-Rużarju Mqaddes. Dak l-istess Spirtu s-Santu li nissel fi ħdan Marija 'il Ġesù Kristu jnissel issa fina bil-kelma tiegħu l-istess Iben Marija. Imbierka dik il-Familja li flok ħafna kotba u gazzetti li jġibu l-ħsara f'qalb uliedha ddarrihom jaqraw u jiggustaw il-Kelma t'Alla. Qari bħal dan idarri l-membri tagħha biex meta jikbru u jkunu għal-rashom, weħidhom, jibqgħu jaqraw u jitgħallmu l-verità divina li bħalha ma nsibu mkien ħlief fil-Kotba Mqaddsa. Fuqhom nimmeditaw u bihom nitolbu ħalli ngħixu u nsawru fina 'l-Ġesù Kristu; u nistabru fin-niket u swied il-qalb ta' din id-dinja.

Il-Bibbja għandha ssib postha xejn inqas f'idejn l-għaqdiet ta' l-apostolat. Ħafna jikkuntentaw biss b'kotba miktuba dan l-aħħar li bosta drabi huma 'il bogħod għal dik li hi ispirazzjoni mill-kotba ta' Alla, 'il bogħod

minn ras il-għajn. Jinħtieġ li dawn l-għaqdiet jekk iridu tabilħaqq jagħtu formazzjoni spiritwali soda lill-membri tagħhom, ħaġa li mingħajrha ma jistgħux ikunu appostli tajba, jaqbdu l-Kotba Mqaddsa, idaħħluhom fil-libreriji tagħhom u jieħdu ħsieb biex kull membru jaqrahom u jtemhom sewwa. Il-formoli xotti tal-katekiżmu għandhom jinħjew bil-kelma ħajja tal-Vanġelu u l-bqija tal-Kotba Mqaddsa.

Għedna wkoll li dawn il-Kotba għandhom ikunu f'idejn in-nies li qed imexxu jew li għad imexxu lil pajjiżna. Għandu mnejn xi ħadd iwieġeb bi tbissima għal dan il-kliem imma aħna ntennu li jekk hemm nies li għandhom jagħmlu dan huma tabilħaqq il-mexxejja tal-pajjiż. Huma li jridu joħolqu dawk il-kondizzjonijiet fil-pajjiż li mhux biss ma jfixklux il-ħajja reliġjuża imma li jgħinuha. Huma li jridu joħolqu iċ-*Civitas Cristiana* li minnha jitkellem Santu Wistin. U dan ma jistgħux jagħmluh jekk ma jkollhomx fihom is-sens tal-qdusija tal-ħolqien kollu, ta' pajjiżhom, ta' ħidmiethom. Il-Bibbja biss ittina dan is-sens. Is-sistemi moderni, it-tagħlim modern inkarnat fis-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu materjalista jaqta' d-dinja għal kollox minn Alla. Il-Bibbja turina kif il-ħajja tal-bniedem kollha kemm hi anki fl-affarijiet l-aktar profani hi qaddisa u kkonsagrata lil Alla. Hawn hu l-qofol tas-salvazzjoni ċivili tagħna; hawn hi l-fortizza li minnha rridu naħbtu kontra l-għedewwa t'Alla u l-Knisja tiegħu.

Il-Knisja Mqaddsa bħalissa qed tagħmel minn kollox biex iddaħħal dan is-sens tal-qdusija fil-ħajja ta' kulljum permezz tal-Liturġija li hi kollha kemm hi magħġuna mill-Kotba Mqaddsa. Hekk insibu ħtieġa oħra tal-Kotba Mqaddsa; il-ħtieġa li nkunu nafuhom biex inkunu nieħdu sehem sewwa fil-Liturġija jew il-funzjonijiet tal-Knisja. Qegħdin naraw illum u nisimgħu l-qari tal-Vanġelu u ta' l-Epistula fil-quddies tal-ħdud u festi oħra. Dan kollu ġej mix-xewqa kbira tal-Knisja li aħna nkunu nafu tajjeb il-Kelma ta' Alla kif ħarġet mill-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Kif jiktbilna l-Appostlu Missierna: 'Kull ma nkiteb minn qabel għat-tagħlim tagħna inkiteb, biex bis-sabar u l-faraġ tal-Kitba jkollna t-tama', Rum. 15, 4.

L-Għaqda Biblika Maltija bi ħsiebha tagħmel minn kollox biex il-Poplu tagħna jibda jaqra sewwa il-Kelma, l-Iskrittura. L-ewwel tieħu ħsieb li l-Kotba li baqa' jinbiegħu mill-aktar fis u mbagħad taħseb li jkun hemm edizzjoni oħra jekk jista' jkun fi ktieb wieħed jew tnejn, u anki siltiet jew antoloġiji għall-diversi klassijiet ta' nies. Hu ttamat li jkun hemm tweġiba mill-pubbliku malli jkunu se jittieħdu il-passi konkreti għal din il-ħidma.

Aħna nifirħu lill-Professur Saydon għat-tħabrik tiegħu, niżżu ħajr lill Alla talli tah l-għajnuna biex wassal għat-tmiem dan ix-xogħol fejjied sewwa sew meta l-aktar li għandna bżonn. Ma nkunux boloh u narmu it-teżori li għandna f'idejna. Nisimgħu minn kliem San Ġilormu lill Ewstakju: 'Aqra dejjem l-Iskrittura, tgħallem kemm tiflaħ. Ħalli n-ngħas jieħdok bil-lejl bil-ktieb f'idejk, u rasek tintelaq fuq il-Ktieb miftuħ'.

# WAQAF GĦALIK IŻ-ŻMIEN

*Ninu Cremona xjieħ, għalaq tmenin*
*u minn fuq kull min jafu għaddew is-snin,*
*għaddew is-snin u l-gwerer u t-tilwim,*
*iżda baqa' l-aħjar, baqa' d-dawl jiddi*
*bla sħab, bla ċpar, bla dieqa*
*dieħel dejjem mit-tieqa*
*fejn ward ifewwaħ*
*imżewwaq ma' l-għajat ta' żgħażagħ hienja,*
*it-tieqa ta' kamartek, ta' kamartna*
*u ta' kull min iħoss jidwi ġo sidru*
*l-għana serħani tiegħek, Poeżija.*

*X'inhuma, għidli, x'inhuma tmenin sena*
*ħdejn dik il-leħħa berreqija*
*li tinbet, tikber, tfur, tfewwaħ u tgħaxxaq,*
*x'ħin fiha min iħoss il-poeżija*
*jaħtaf il-ġmiel, in-nisel jagħġen tajjeb*
*u jwelled, waħdu m'Alla, ġmiel il-kelma?*

*X'inhuma tmenin sena, Nin, x'inhuma*
*ħdejn is-snin l-imgħoddija*
*u dawk li għadhom ġejjiena*
*meta taħseb*
*li kollox għad jintemm*
*mill-bniedem żonqri*
*ħlief dak*
*li b'ruħu f'idu huwa jkun sawwar*
*bil-kliem għasli ta' fommu*
*imnebbaħ biss minn Alla li taħulu?*

*Għalhekk fik ma narax jien ħlief il-ħidma*
*ta' moħħok u ta' qalbek;*
*ma narax fik ħlief l-opri kollha siewja*
*li lilna tajt, lil Malta u 'l Għawdex tiegħek;*
*ma narax fik xejn ħlief il-poeżija*
*għax din u dawk ma jmutu qatt u jibqgħu.*

*Igħaddi, u kif igħaddi, iż-żmien,*
*u s-sekli jgħaddu b'ġirja,*
*iżda kliem il-poeta ma jgħaddix;*

*u għalhekk għalkemm int xjeħt*
*u għalaqt it-tmenin sena,*
*int għadek, Nin, żagħżugħ,*
*bħaż-żgħażagħ kollha,*
*u tibqa' żagħżugħ magħhom il għaliex*
*is-snin waqfu għalik;*
*waqfu għalik fil-kelma mfewwħa u rżina*
*tar-Rebbiegħa ta' dejjem,*
*għax tiddi biss ġo fik il-Poeżija*
*li m'Alla bdiet u tibqa'*
*fiż-żernieq li ma jafx għajr iż-żgħożija.*

V.M. Pellegrini

## HI BISS!

*Hi biss li ħasset, meta ftaħt għajnejk*
*għad-dawl ta' din id-dinja, l-ferħ bl-uġigħ*
*ta' l-Ewwel Ħtija u tatek fuq xufftejk*
*bewsa ta' Mħabba li ma ttirx mar-riħ.*

*Hi biss li kienet tifhmek u tkun ħdejk*
*bin-nhar, bil-lejl u tħossok waqt l-irdigħ*
*tixrob il-ħajja u tara fuq ħaddejk*
*l-oħla tal-ħlewwa u l-isbaħ tas-sabiħ.*

*Bil-ħarsa tagħha biss, fil-hemm, fid-dieq,*
*Hi li sabbritek biss; ma' tul is-snin*
*f'ħoġorha rġajt intfajt meta bis-sieq*

*tatek in-nies tad-dinja, u ħadd ħanin*
*ħliefha ma sibt; il-lum li xagħrha blieq*
*u baqgħet tgħix għalik, fost il-bnedmin*

*Hi biss li tagħdrek u tbennek tixtieq,*
*tbennek mill-ġdid, tbennek xi ftit,*
*bħal meta ġol-fisqija int kont għadek tarbija.*

A. Cremona

# DISKORS TAL-WISQ REV. MONS. E. COLEIRO NHAR L-GHOTI TAD-D. LITT. (HONORIS CAUSA) MILL-UNIVERSITA TA' MALTA LIL DR. A. CREMONA

(*Traduzzjoni mill-Latin ta'* DUN KARM SANT)

JEKK qatt fraħt u ħdimt minn qalbi, Sinjuri Semmiegħa, kull meta s-Senat u l-Kunsill Ġenerali ta' din l-Università qabbduni inqiegħed quddiemkom il-virtujiet ta' nies magħrufa fin-nazzjon hi tabilħaqq din tal-lum meta mhux biss sa nitkellem minn dan il-bniedem u l-virtujiet tiegħu, imma mill-glorja ta' art twelidna, jiġifieri, mill-ġieħ li għandu jkollu lsien artna, il-ġieħ, iż-żina u l-qawwa tagħha.

Jekk hawn xi ħaġa minn awl id-dinja li tqiegħed in-nazzjon fuq tagħha u tagħżilha bla ma tħalliha tinbala' jew tinqered min-nazzjonijiet oħra, din hija tabilħaqq ilsienha. Lilu għandhom it-twajba jħarsu, nies is-sewwa l-quddiem imexxu u t-twajba jħobbu. Min hu dak il-ġens li ma jħossx idoqq ħelu f'widnejh ilsienu? Min ma jitgħaxxaqx jisma' lsienu iktar minn oħrajn?

Illum inressaq quddiemkom bniedem li ġej minn dik il-qatgħa ta' nies li swew bil-bosta biex sebbħu fuq li sebbħu lil arthom bil-qawwa ta' dehenhom, bil-ġmiel ta' kliemhom, bis-saħħa ta' kitbiethom.

Anton Cremona twieled tmenin sena ilu f'Għawdex; għadda xi żmien Tunes. Missieru kien in-Nutar Feliċ Cremona arkivista; kien magħruf sewwa fost niesu għall-ġibda li kellu għal-Liġi. Miet meta, ibnu bil-kemm kellu tlett snin. Zijuh, l-Avukat Akille, ġabru miegħu. Imkennen fi ħdanu u mdawwar b'imħabbtu t-tfajjel kiber u għadda tfulitu fis-snajja tal-ġieħ. L-ewwel studji tiegħu għamilhom fl-iskejjel ta' Tunes; kien għadu tifel reġa' ġie Malta u mar jistudja fil-Kulleġġ imsemmi tal-Ġiżwiti l-Belt ta' Għawdex; skola b'kultura Taljana moħjija bl-għaqal tal-post. Imbagħad insibuh fis-Seminarju ta' Malta qalb kultura Latina u surmastrijiet magħrufa; hawn qalbu tkebbset u tħeġġet għall-ħwejjeġ kbar.

Għalkemm kellu jaħdem ta' skrivan biex igħin lil oħtu u 'l ommu meta kemm kemm ma kienx għadu tifel, il-Muża serqitu ħelu ħelu lejn ħidmietha; l-ewwel snin ta' żgħożitu għaddiehom jistudja l-letteratura Taljana; iżda ġara li meta kellu tletin sena, b'fejda għalina lkoll u għalih, iltaqa' ma' l-aqwa poeta ta' dik il-ħabta, l-kittieb Ġużè Muscat Azzopardi; taħt it-tmexxija għaqlija u meqjusa tiegħu ssaħħar mill-kobor, il-ġmiel, is-sbuħija ta' l-ogħla glorja, u ta' ruħu bil-qawwa tiegħu kollha għall-istudju ta' lsien art twelidu.

U x'qasam infetaħ quddiemu! Jekk qatt xi ħadd ħela ħajtu kollha għall-istudju ta' lsien art twelidu kien hu. Ħaddem żewġ xorta ta' poeżija: Lirika u drammatika. Il-qawwa tal-ġenju li dehret fihom ma swietx bil-ftit

biex kabbret u għaniet il-kitba Maltija.

Tana żewġ kotba ta' poeżija lirika: *Weraq mar-Riħ* u l-ieħor *Ward u Riħan*, dan ta' l-aħħar fih proża u poeżija. Kiteb għana ħelu lill-ħbieb; xi ċajta magħhom; jonkella jfisser l-hena tiegħu jew jiftaħ qalbu; fil-mewġ tal-ħajja dar lejn id-dar u mħabbet ommu. Tana wkoll deskrizzjonijiet sbieħ tal-ħlewwa ta' pajjiżna u beka bi dmugħ qarsa x-xorti tal-bniedem u d-destin. Il-poeżiji kollha jserrħu bil-faraġ u tħajjir tagħhom; kollha ħerġin b'qawwa mill-qiegħ ta' qalbu u ruħu. Għalhekk il-poeta tagħna jista' jitqies bħala wieħed fost l-aħjar liriċi tal-ġens tagħna. Il-għana tiegħu għandu s-safa tas-susan; il-mistħija tal-warda; ir-ražna tal-vjola. Ġmielhom hiereġ minnhom infushom; mhux ġmiel barrani; dejjem poeta ġenwin; poeta li għandu x'jagħti xi ħaġa minn tiegħu.

Bħallikieku mikdud biex jilħaq ġieh ogħla kiteb żewġ drammi: *Il-Fidwa tal-Bdiewa* u l-*Ecce Homo*. Ta' min ifaħħar il-ħila kbira u s-sengħa liema bħalha u t-tqanqil il-qalb li jħeġġeġ qlub min jismagħhom. Ħaddieħor jista' jfaħħar il-qawwa tagħhom, oħrajn id-dinjità tagħhom, jonkella jitgħaxxqu bil-qawwa tad-dehen li waslet biex tinfed il-qlub u tgħarrex id-drawwiet tal-bniedem.

Fihom dawn l-opri l-irfinar u l-qies; u għandhom sens ta' kultura u grazzja; fihom jiġbru l-ġmiel, in-nobiltà, u l-irqim tal-kelma.

Meta l-poeta tagħna kien imxiegħel f'dawn l-opri, mill-pinna tiegħu bdew ħerġin xogħlijiet oħra ta' proża: studji storiċi, novelli, studji grammatikali u suġġetti oħra bl-Ingliż, bit-Taljan jew bil-Malti.

Kiteb fuq l-għaqdiet tal-kitba Maltija; il-Grajja ta' l-Ilsien Malti minn twelidu sallum; fassal il-ġrajja ta' l-istudju ta' l-Għarbi fil-gżejjer tagħna; tkellem fuq l-Ospizju u l-Isptar tal-Furjana; fittex u fela l-istudji xjentifiċi ta' Napuljun Tagliaferro li ħafna minna jafuh Rettur Manifiku ta' din l-Università; kiteb fuq il-ħajja u l-ħidma ta' M. A. Vassalli u l-filoloġija ta' A. Preca.

Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed tkellem f'ħafna kitbiet l-iktar bl-Ingliż fuq is-snajja', l-folklore u d-drawwiet qodma tal-poplu Malti.

F'dawn l-opri kollha ssib is-sengħa tal-kitba fl-aqwa tagħha imsieħba mal-benna tal-kelma u l-għerf ħiereġ mill-istudju. Huwa għarbel sewwa d-dokumenti li minnhom ha t-tagħrif tal-ġrajja bi studju u għaqal kbir; f'kitbietu ma ssibx ħaġa oħra għajr il-verità ġenwina.

Imma l-ħidma li għaddiet 'il dawn kollha hi dik li għandha x'taqsam mal-istorja, il-filoloġija u l-grammatka ta' l-Ilsien Malti. Ħadem fuq li ħadem, u ħaddem saħħtu. Minn hawn il-ħeġġa li biha ħabrek kemm felaħ biex il-ħbieb tal-Malti, ilsien art twelidhom, jiktbuh sewwa u b'sengħa aħjar.

Kiteb sitt kotba fuq dan is-suġġett: fuq id-diffikultajiet tal-kitba bil-Malti, fuq is-safa tiegħu, it-tielet fuq l-ortografija u l-grammatka; ir-raba'

fuq is-sengħa letterarja tal-Malti, u fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, żewġ kotba oħra fuq is-sengħa tal-Kitba Maltija.

Dawn il-Kotba jinsabu f'idejn kullħadd; biżżejjed dawn biex juri x'ħadet minnhom il-letteratura Maltija. Tistagħġeb kemm stagħna Ilsien art twelidna. Ħafna kliem iġġedded, kliem ieħor inħoloq; ieħor tqajjem u ieħor kiseb tifsira ġdida. Mhux biss għanieh iżda wkoll żejnu, għaliex dejjem fittex bi studju l-għażla tal-kelma u tlaqqigħ sewwa tal-kliem.

Meta nqisu u nilnu dan kollu ma nistgħux ma nifirħulikx u ma nilqgħukx. Lilek is-Senat u l-Kunsill Ġenerali ta' din l-Università jistqarr den li tkun imsieħeb magħhom u jiddikjarawk Duttur tal-Letteratura *honoris causa*.

F'dawn l-aħħar jiem bħala ħbiebek fraħnielekimħabba l-għeluq ta' tmenin sena minntwelidek. Jixraq għalhekk issa li l-Università tagħna tkellel u żżejjen is-snin tiegħek mimlija saħħa u ħajja bir-rand u taqsam miegħek il-ferħ tiegħek.

Nifirħulek ilkoll! B'ħidmietek u kitbietek inti waqqaft monument għal dejjem. Ma qalx ħażin, kif igħid Tullius, Alessandru. Kien xortih tajba Akilli li sab 'il Omeru jxandarlu l-qawwa tiegħu; li kieku ma kinetx l-Ilijadi l-istess qabar li difen ġismu kien jidfinlu ismu. Is-saltna ta' l-arti u l-għerf biss ma tafx tmiem.

Haddieħor iwaqqaf xbihat; oħrajn ipittru l-kwadri; jonkella jtellgħu monumenti biex jaħirbu l-madmad ta' l-insija u l-mewt. Inti ma teħtieġ xejn minn dan. Ix-xbiha u s-sura ta' ruħek għal dejjem f'kitbietek u jibqgħu hemm sakemm ħutna l-Maltin jibqgħu jlissnu lsienhom.

Din il-lawrja li bis-sollenità kollha qegħdin intuk quddiem il-kbarat tan-nazzjon hi l-għelm ta' l-għaxqa tagħna meta nistqarruk ċittadin, ħuna, seħibna, żina u ġieħ ta' l-Università tagħna.

Tmenin sena għaddew minnfuqek! Ma tkunx din il-quċċata! J'Alla għadd ta' snin oħra jingħata lilek; snin jekk qatt jista' jkun isbaħ u ogħna minn dawk ta' qabel! Din hi x-xewqa tagħna lkoll miġbura hawnhekk.

## ISMIJIET TA' DIMINUTTIVI TAL-ĦUT

*(Miġburin minn Marsalforn, Għawdex)*

(1) *lifgħa* jew *ħajta* tal-murina (2) *ħanex* tal-gringu (3) *ħajta* jew *fellus* ta' l-imsell (4) *fellus* tad-denċi (5) *fellusa* taċ-ċerna (6) il-*ġurdien* (jew *għasfur*) tal-bonn (7) *wiżgħa* tas-sirran (8) *qaqoċċ* ta' l-iskorfon (9) *brimba* (=qarnita żgħira) (10) *fula* tas-siċċa (11) *gamblu* tal-klamar (12) *dômna* tal-kaħlija (13) *ħajta* ta' l-imsell (14) *qamel* taż-żabri. (Malta).

Ġ. A.

# KARMENU VASSALLO U L-FAMILJA

Ta' Ġ. CASSAR PULLICINO

BIEX nitħaddtu fuq Karmenu Vassallo u l-Familja rridu qabel xejn infissru ċar, li fil-poeżija ta' dal-poeta, il-kelma *familja* għandha żewġ tifsiriet – l-ambjent li fih trabba ma' l-għeżież tiegħu, u l-ħajja ġdida tiegħu wara ż-żwieġ, meta mar-rabta ta' żewġt iqlub ingħaqdet il-ġabra tad-dar, il-ħlewwa tal-ulied u t-twemmin sħiħ fil-missjoni tal-bniedem fit-tifsil tal-Ħsieb t'Alla. Mingħajr tal-ewwel ma tistax tifhem tat-tieni fil-poeżija ta' Vassallo, u għalhekk nibdew billi ngħidu xi ħaġa fuq l-aspett tal-familja kif jidher fl-ewwel poeżiji tiegħu miġburin taħt l-isem ta' *Nirien* (1938).

Bħall-biċċa l-kbira tan-nies l-isbaħ tifkiriet huma dawk tal-ewwel żmien tal-ħajja, tat-tfulija, mgħoddijin fil-għożża u l-imħabba tal-omm u tal-missier fil-ġabra tad-dar. Aktarx li f'dan iż-żmien jibda jissawwar – għat-tajjeb jew għall-ħażin – il-karattru tal-bniedem fl-ambjent tal-familja tiegħu. U ħafna poeti meta kibru għannew dan iż-żmien ħelu bi lwien tal-isbaħ sentimenti. Imma għall-poeta tagħna Vassallo kien hemm miktub xort'oħra. Għax sa mis-snin ta' tfulitu sab ruħu ltim minn ommu u minsi minn missieru, u, biex tagħqad, kien mhedded ukoll mill-ġuħ u l-faqar. Dan in-nuqqas ta' familja vera bħal fassal f'qalbu l-linji ġenerali tar-reazzjoni tiegħu kontra l-ħajja, reazzjoni li l-ewwel diwi dgħajjef tagħha nsibuh fil-versi jisimhom *Fil-Knisja ta' Pinu*, meta, mixħut f'riġlejn il-Madonna, talabha tisma' l-karba tan-niket tiegħu u qallha:

> Ommi metitli: u jekk missieri għadu
> mas-snin jitqabad bla mistrieħ, għalija
> ilu li miet ukoll: ħaqritni d-dinja;
> u ħlief xi tama ma ħallietx ġo fija.
>
> . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
>
> Marija, ħniena. Jien imsejken, jiena
> iltim u fqajjar u marid u mdejjaq.
> Inti għadek kif kont: Ommi w Omm ommi;
> u bi frott Ommi jien nixtieq nitrejjaq.

Ommu kienet metitlu, u l-baħħ tagħha baqa' jħossu sa ma kiber. L-ikbar vojt li ħallietlu kien sewwa sew għax iħoss li tilef il-wens tagħha meta ġie wiċċ imbwiċċ mal-ħajja. Għalhekk meta kien għoddu qata' qalbu mid-dinja u minn-nies ħutu, ma kellu 'l ħadd fuq min idur, u avolja mejta lilha sejjaħ biex tħarsu u twennsu:

> Iftaħli, ma! Se nisfa' trietaq. Iftaħ.
> Eħrex mid-dbejjeb saru n-nies. Iftaħli.
> Iftaħli, ma!

B'danakollu, ma kenux barranin sa barra dawk it-twajbin li rabbewh. Għax waħda minnhom kienet zitu Rożanna li ħadet ħsiebu flok ommu. Għaliha wara ħafna żmien semma l-ewwel tarbija li kellu, u lilha kiteb waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu jisimha *Bla Dawl.* Aqrawha ħalli taraw bħali sa fejn tasal imħabbtu għal min tah il-faraġ u l-għożża li hu ma kienx sab fil-familja tiegħu:

U ziti qiegħda d-dar. . . Mill-ġmiel tal-bieraħ
xejn m'għadha tara llum! Fi ħbub għajnejha
intefa d-dawl. Għalxejn, għalxejn madwarha
tfittex biex tara tilmaħnix. F'ħarsitha
ma tilmaħx aktar dik il-ħarsa kiebja
tal-poeta żagħżugħ li b'għożża kbira
hi minn jeddha rabbiet. Gummar u soda
iżjed b'idha ma tmissx: għax biex taħdimhom
għajnejha ma jtuhiex. . . Sabiħa l-ħajja
tal-bniedem f'saħħtu; iżda kerha u mejta
ħajjet il-bniedem mingħajr dawl! Imm'inti,
ommi w missieri fl-istess ħin, Rożanna,
issewwidx qalbek. Għandek lili. Jiena
lest biex nieħu għajnejk u ntik għajnejja
ta' poeta li jien. Anzi naħliflek
li waħdek, ziti, ma nħallikx fil-qabar:
għax jien u int nindifnu t-tnejn flimkien!

Mal-mixja tas-snin il-qrusa ta' din iċ-ċaħda fi tfulitu tittaffa, u wara qabża ta' sittax-il sena jikteb poeżija oħra *Tifkiriet ta' Tfuliti,* li fiha mhux biss jiftakar b'imħabba f'missieru, imma jsemma' nota kollha kemm hi nostalġika meta jgħid kif kien joqgħod ma' missieru w ommu f'terran, b'bitħa miegħu u roqgħa ħamrija. Nisiltu dil-biċċa mill-poeżija, li tista' tinqara fil-ktieb tiegħu *Ħamiem u Sriep* (1959, pp. 77-9):

Dik id-dwejra kennija
kienet għal ħajti, f'dawk is-snin bikrija,
ġmiel u kobor id-dinja u l-Univers!
Ommi mill-għatba 'l barra
qajla kienet tħallini
nixref fit-triq għall-beraħ.
Għajr b'wiċċha u b'wiċċ missieri
(li kien jagħmilli xi vapur tal-karti,
jixtrili xi kandlier taċ-ċomb, xi xemgħa
sabiħa tal-kulur, jonkella f'buti
iżerżaqli qajla qajl xi ponn perlini),
jien ma kont naf b'wiċċ ħadd. . .

Ommu, missieru, u zitu! F'dawn it-tliet għeżież jiftakar b'affezzjoni ħelwa fil-poeżija l-oħra *Lir-Riħ Fuq* (p. 116) fejn naqraw:

Inti, ja Riħ, tfakkarni
fil-ġenna ta' tfuliti: fil-gandlieri
ċkejkna taċ-ċomb, imma jleqqu bħal fidda,
u l-fjuretti u x-xemgħat ħelwin imlewna
illi bihom missieri
kien iħobb iferraħni; f'ommi t-twajba
sikwit titlob u tibki, tibki u titlob
tistħajjilha xi Rita oħra minn Cascia
jew omm l-għaref Wistin; tfakkarni f'ziti
li ta' kull jum, mad-daqq tal-*Pater Noster*,
bieżla u ħabrieka kienet tqum u tqiegħed
il-kafè fuq in-nar, waqt li ftit wara
tqajjem lili biex noħroġ
ngħin xi żewġ quddisiet fil-Knisja, tgħaxxqek
bil-ġmiel, tar-raħal fejn twelidt....

Fuq dan l-isfond psikoloġiku ta' tfulitu nistgħu nifhmu aħjar il-poeżija ta' Karmenu Vassallo li għandha x'taqsam mar-rabta tal-missier u l-omm bejniethom u ma' wliedhom, fi kliem ieħor mal-familja. Vassallo huwa bniedem sensitiv ta' temperament intellettwali; il-poeżija tiegħu hija soġġettiva għall-aħħar, u dejjem turina, bħal f'ritratt, xi ġenb jew ieħor tal-personalità tiegħu, il-burdati tal-ħsus ta' qalbu, it-twemmin tiegħu – dik li tissejjaħ filosofija tal-ħajja. Iktar milli f'poeżijiet oħra dana narawh f'dik jisimha *Lil Marti* fejn juri b'sengħa fina l-kobor tas-sagrament taż-żwieġ kif imfassal fid-disinn t'Alla Ħallieq. Il-bidu tal-poeżija huwa hekk:

Inti forsi ma tafx, sieħba ta' ħajti,
illi fir-rbit u t-twaħħid tagħna għal dejjem
hemm saċerdozju ġdid! Anqas ma tifhem
kemm kien Alla ħanin u ta' qalb kbira
miegħek u miegħi meta seddaq żwieġna
u wettaq 'l emmna fih!...

Il-ħajja miżżewġa hija iebsa, u mimlija tfixkil u qtigħ il-qalb. Imma iktar m'hemm tfixkil iktar il-poeta jqawwi qalbu u qalbmartu biex flimkien imiddu għonqhom għal kull ma jista' jinqala'. Imkien ieħor forsi ma naraw 'il Vassallo daqshekk konvint li sa jkollu suċċess; daqshekk ottimist, fejn dari aktarx pessimist, għax jaf li b'mod jew ieħor sa jirbaħ dak li jixtieq. Għax ara xi jgħid:

Xorti isbaħ
kienet għalina dik li bl-akbar ferħa

dħalna għal dal-madmad u ssoktajna lieżma
nerfgħuh b'ħila ta' sur. Għax għandu wieħed,
kbira u tqila kemm tkun b'ġidha t-tagħbija,
jibża' u jitbiegħed minnha? ...

Il-ħajja
m'għandu għax jibża' minnha ħadd; jobgħodha
biss min jistmerr jarfa' salibha; nkella
ma jafx w anqas irid jitfa' għajnejn ruħu
'il fuq mill-kwiekeb: jobgħod biss il-ħajja
min b'Alla ma jemminx illi taħielu
u ħatru wkoll biex ikattarha...

Il-mara u t-tfal jagħmlu l-familja u jimlew id-dar, u għalhekk fl-ulied jinsab il-qofol tal-familja, skond il-ħsieb tal-Ħallieq:

... Inkattru
mela fil-għadd 'l uliedna — ir-rabta, il-qofol,
il-qalb infisha tal-familja. In-nieqa
hija l-artal tal-ħajja; fil-familja
hemm il-għaqda tal-ġnus, il-knisja mbierka
fejn il-missier u l-omm dmirhom li jwettqu
l-ewwel għamil t'Alla Ħallieq.

Ma' tul il-Gwerra Vassallo kiteb tliet poeżijiet lil uliedu — l-ewwel waħda lil bintu Rożanna, it-tieni jisimha *Lil Ibni Herman-Baruch* u oħra *Lil Ibni Oliver Paul.* Fiż-żewġ poeżijiet lil uliedu s-subien, miktubin bejn l-1942 u l-1944, naraw lil Vassallo l-missier — imma mhux missier ġwejjed li jaħrab u jwarrab mill-inkwiet u l-glied, iżda t-tip ta' bniedem li d-dehra ta' wliedu jġagħlu jaħseb bis-sħiħ u twasslu biex ifissrilhom dak li għandhom jagħmlu biex ma jiġrilhomx bħalu fil-ħajja, ħalli minn kmieni jitħejjew għat-taqbida. Sa fl-ismijiet li tahom lil uliedu hemm bħal tifsira speċjali, li Vassallo ma jaħbix, għax waqt li lil Herman-Baruch jgħidlu

Ftakar, ibni maħbub, ftakar li jismek
*Gwerrier tal-Paċi!*
Sehmek mela t-taqbid;
dmirek rebħa ta' sliema!

lill-ieħor (Oliver Paul) iħeġġu biex ma jagħmilx għajb lil Oliver Cromwell, jismu bħalu, b'dawn il-kelmiet:

iżda ma nitnikketx, u l-ebda ndiema
u sogħba ma tiġini
jekk jien, qabel it-tmiem ta' dammet snini,
ikolli x-xorti li narak tiġġieled —

bħal dak il-Mexxej Kbir ta' l-Ingilterra
Oliver Cromwell, b'dehnu u ħiltu u qilltu –
f'isem il-ħaqq u l-jeddijiet ta' ġensek,
kontra kull għawġ u għajb li jdellu s-sliema.

Għal min jaf jaqra bejn il-versi, hemm bħal rabta psikoloġika bejn dawn il-poeżijiet u l-ewwel kitbiet ta' żagħżugħ li semmejna fil-bidu. Donnok tisthajjel li Vassallo ġieb quddiemu dak li għadda minn għalih meta lil ibnu Herman iwissih biex ma jħallix it-toqol tal-ħajja jegħilbu, u jgħidlu:

Għandek, ibni, quddiemek
triq bil-wisq iebsa u twila
x'timxi w itterraq sa ma jasal tmiemek.
La tkunx ġifa u beżgħan. Kun qlubi: u l-ħila
ma tonqos qatt; ta'tlughek
tiqafx fin-nofs, għax terġa' f'qiegħek; lura
m'għandek għax tħares qatt; qalbek u ruħek
żommhom f'għajnejk miġbura.
dejjem mitfugħa 'l fuq.
Inkella ma tirbaħx: u tgħix imjassar
u mżeblaħ u misħuq
taħt għarqub il-qawwiet tad-dlam u d-dnewwa;
u ma ssib qatt id-dawl tal-ħaqq u s-sewwa.

Dawn kienu żewġ poeżijiet mill-iktar qliel li qatt inkitbu bil-Malti – versi qliel daqs kemm kienu qliel is-snin tal-gwerra li fihom inkitbu, u qarsa daqs iċ-ċirkostanzi li f'dak iż-żmien sab ruħu fihom Vassallo li, iktar minn qabel, ħass ruħu mgħaffeġ u mgħattan mill-ħajja.

Il-ħajja miżżewġa ġġib magħha dmirijiet li xi drabi jistgħu jfixklu l-qalb tal-artista jekk ma jkunx hemm fehma tajba miż-żewġ naħat. Il-poeta jtir bi ħsibijietu, u jinqata' minn din l-art; waqt li r-realtà tal-ħajja, minn naħa l-oħra, m'għandhiex żmien x'taħli fuq il-ħolm. L-ulied iridu sehem-hom; it-taħbit tagħhom irid jinqasam bejn il-missier u l-omm. Vassallo jagħtina tarf ta' din il-problema li tolqot kull missier-artist fil-versi tiegħu *Thewdin* ('Ħamiem u Sriep', p. 89). Il-poeta kien għadu kemm niżel minn fuq il-bejt, fejn il-ħsieb kien tar bih u ntilef fis-sħab tal-veritajiet tal-Ħolqien u l-kobor t'Alla. Niżel minn fuq il-bejt, u

Isfel, 'l uliedi
Insibhom jgħajtu, u 'l ommhom aktar minnhom,
Biex issikkithom. Bħalma ġamra ħmura
Hierġa mill-forġa, meta tiksaħ, tisfa
Sewda w iebsa ħadid; hekk ġralha f'qalbi
Dik li ftit qabel kienet għanja. Marti,

Imħabbtą dejjem kemm b'uliedi u bija,
Ħabtet ser tlumni talli ċ-ċkejken Kola
Tiegħi u tagħha ma kontx ħriġtu miegħi
Barra bħal dari. Imma xħin ratni ħiemed,
Ħosbien, u bħal miblugħ, malajr intebħet
Li kienet għadha tbaqbaq ħajja fija
In-namra lejn bint Alla, il-Poeżija.

Imma biex naraw ritratt ta' Vassallo bħala missier li jħoss bħal kull missier ieħor li għandu l-familja, naqraw issa dal-versi li fihom tinstema' bħal karba jew tnehida misluta minn qalb il-poeta għall-mewta ta' bintu – l-ewwel waħda fost uliedu – li mietet wara anqas biss xahrejn li kienet ġiet fid-dinja biex magħha ġibitlu l-barka u s-sliem fil-familja:

Ma domtx ma nitpaxxa bik, għaxqa ta' qalbi
u l-akbar hena ta' żgħużiti mżewġa!
Kont drajtek tabilħaqq; kont sirt inħobbok
bi mħabba ta' missier u ta' poeta
li jħossu tiela' l-ġenna
meta jara tittenna,
bħalkieku f'mera, ix-xbieha tiegħu f'bintu.
Nifsek ħelu, bħal fewġa,
kont inħossu jimlieli l-qlugħ ta' ħajti
u jġagħalni nirbaħ kull tfixkil...

Imm'int issa m'għadekx: waqajt bħal warda
li biha ttaqqal ġuf il-ġnien ta' mħabbti
biex raġa' tgħarwen hekk malajr! Rożanna,
għaliex għoġbok tħallini,
wara li ġejt tisqini
ftit ħelu u ħafna mrar?
Int kont il-għaxqa t'ommok
il-faraġ ta' missierek,
il-ġid kollu tad-dar!

Sentimentali għall-aħħar, għalkemm inqas profonda, hija l-poeżija *Il-Pupu,* miktuba żmien wara l-gwerra. Il-versi jinbnew fuq il-kuntrast bejn pupu-ġugarell, ħelu imma bla ħajja, u tarbija ġdida,

... pupu ġdid,
mogħni b'seħer il-ħajja,
kollu tferfir u ħajr, ħelu kemm trid.

Jiġrilu x'jiġrilu l-pupu – jaqa', sieqụ titqaċċat, eċċ – ma jimpurtax. Imma t-tifel? It-tifel wara li beda jikber minn jum għal jum, minn xahar għal

xahar, ħin bla waqt darba waħda intefa' mitluq għall-mewt u ġarrewh l-Isptar, fejn intemm ħesrem. Il-pupu 'k titqaċċatlu siequ tista' terġa' twaħħalhielu, imma għat-tifel xejn ma sewa:

Talbi,
ħilet kemm tobba rawh, ta' marti d-dmugħ
ma swewlu xejn. Qrib rasu
Joey lill-pupu aktar ma jarax:
bl-agħjat ma jtajjarx ngħasu:
mill-ġdid għall-ħajja Joey ma jarġax!
(Ħamiem u Sriep, p. 91)

U fuq din-nota ta' poeta-missier nagħilqu l-kitba tagħna dwar Karmenu Vassallo, poeta mill-aħjar li sawwar ħafna versi tiegħu minn tqanqil im-nissel jew miċ-ċaħda ta' familja fl-ewwel żmien ta' ħajtu, jonkella mill-bini ta' familja wara ż-żwieġ tiegħu li fih jara lilu nnifsu bħala għodda tal-ħsieb tal-Ħallieq.

## GHARAJJES BLA DAR

*Kienu jippassiġġaw kull filgħaxija*
*u wara l-ħġieġ jaraw in-nies miġbura*
*għall-kenn ta' djarhom.*
*Huma bla dar itawwlu l-egħrusija*
*u jimxu mat-triqat u 'Alla jgħinhom'.*

*Biex ma jdejjqux lil nieshom.*
*kienu jiltaqgħu barra*
*u jinħabbu fil-beraħ*
*fuq bank f'xi ġnien imwarrab,*
*imma minn dar u żwieġ bħal qatgħu jieshom.*

*Hekk dejjem jiġġerrew għad-dawl tas-sema*
*joħolmu li xi darba forsi jkollhom*
*saqaf fuq rashom,*
*jew jixtiequ, la ħadd ma jagħti każhom,*
*li kienu bħall-għasafar*
*li ma jafux bi ċnus u lanqas b'kera.*

M. MIZZI

# L-EŻAMETRU VERĠILJAN FIL-MALTI

Ta' A. MALLIA ZARB

IX-XOGĦOL tat-traduzzjoni hu dejjem itqal minn kieku kellek tikteb xogħol oriġinali. Iżda kemm hu itqal dax-xogħol meta tiġi biex taqleb poeżija u tħalliha fil-forma ta' poeżija? Għax waqt li fil-proża tista' żżid u tnaqqas u tbiddel skond is-sens, fil-poeżija trid taqdi kemm is-sens kif ukoll ir-ritmu wil-metru. Id-diffikultà terġa' tikber wisq iktar meta fit-traduzzjoni tħalli l-istess metru, l-istess vers, tal-oriġinali, l-aktar meta dan il-vers ma jkunx inkiteb fil-lingwa li qed taqleb fiha.

Mhux kull ilsien jista' jkollu kull metru, għax dan jiddependi mill-forma tal-kliem separati w imqiegħda ma' xulxin. Għalhekk metru li jeħtieġ ħafna taqsimiet fil-vers (*feet*) li fihom kull waħda aċċent fuq it-tielet sillaba qabel l-aħħar ma joqgħodx għal ilsien li m'għandux kliem b'aċċent fuq it-tielet sillaba qabel l-aħħar (*sdrucciolo*). Iżda dix-xorta t'aċċent tista' ġġibu biss bit-tagħqid ta' kliem ma' xulxin. Il-kliem Malti fih l-aċċent fuq l-aħħar jew it-tieni qabel l-aħħar sillaba, u għalhekk biex ma taqax fil-monotonija w il-kantaliena dgħajfa trid tbiddel vers jispiċċa b'aċċent ma' ieħor jispiċċa mingħajru.

Mbarra dan hemm sistemi differenti ta' versifikazzjoni. L-Ingliż jibni l-vers minn biċċiet żgħar kollha l-istess daqqa (*feet*) u li għandhom il-forom tagħhom. It-Taljan u l-Malti ma jaqsmux il-vers f'biċċiet iżda jagħmluh minn numru ta' sillabi li jieħdu aċċenti fuq xi postijiet. B'hekk il-vers hu iktar magħqud, mexxej, u ħafif.

Meta tiġi biex taqleb mill-Latin, jew il-Grieg, tidħol f'problema ieħor. F'dawn l-ilsna l-vers jissawwar minn bċejjeċ bħall-Ingliż iżda mhux bl-aċċent. Il-poeżija jiktbuha skond it-tul, iż-żmien li tieħu biex taqra kull sillaba. Flok metrika aċċentwali kellhom dik kwantitativa. Waqt li kellhom taqsimiet bħal 'dactyls', 'spondees', 'iambics', ecc., flok aċċent kien ikun hemm sillaba twila tiswa nota u flok sillaba bla aċċent kien hemm sillaba qasira ta' nofs nota u li tieħu nofs iż-żmien tal-oħra biex taqraha. Fil-prattika l-poeżija Latina ma tinqarax fuq das-sistema iżda bl-aċċent li jitqiegħed fil-qari kull fejn skond ir-regoli hemm sillaba twila.

Dil-metrika Latina hi tqila għal iktar minn raġuni waħda. L-ewwelnett it-tul tas-sillabi jiddependi mhux biss mill-kliem ta' madwar kelma iżda wkoll mill-ittri ta' ġol-kelma stess, minn x'vokali hemm wil-post fejn qiegħda, mill-konsonanti ta' madwar il-vokali u liema u kemm huma. Il-pożizzjoni ta' sillaba wkoll fil-poeżija moderna tbiddel l-aċċent iżda għalina dan hu ħaġa naturali, bħal ma kien naturali għall-Griegi. Għar-Rumani iżda ma kienx hekk naturali. Il-Latin taqqal il-metrika tiegħu għax mhux dejjem kienu jiktbu l-poeżija skond it-tul. Il-metrika kwantitativa daħħluha

mill-Griegi. Mbarra hekk, l-aċċent tal-pożizzjoni fil-metrika mhux dejjem kien jaqbel mal-aċċent naturali li kull kelma jew għaqda ta' kliem għandha f'ilsien in-nies li jitkellmuha, għax it-tul, u għalhekk l-aċċent li floku llum, jekk mhux ukoll dak iż-żmien, jinħass fil-qari tal-poeżija Latina, kien isir skond regoli artifiċjali. Ġie li l-aċċent naturali jaqa' fuq sillaba li skond ir-regoli hi qasira w għalhekk ikollok tħalliha aċċent fil-qari waqt li jkollok tagħmel aċċent fuq sillaba twila wkoll jekk ma fihiex wieħed.

Fit-traduzzjoni tal-Eneide żammejt l-istess metru, iżda l-aċċent li l-Latin iqiegħed flok sillaba tat-tul bdiltu fl-aċċent naturali li joħroġ mit-tqegħid tal-kliem ma' xulxin, bidla iktar fit-teorija milli fil-prattika għax la l-poeżija moderna w lanqas dik Latina ma naqrawha fuq is-sistema kwantitativ.

L-eżametru, jew il-vers tas-sitta, Latin mhux imsejjaħ hekk għax għandu sitt sillabi iżda għax għandu sitt biċċiet 'dactyls' jew 'spondees' li lkoll jagħmlu wisq iktar minn sitt sillabi. Waqt li l-ewwel erba' biċċiet jistgħu ikunu sew 'dactyls' kif ukoll 'spondees' il-ħames tkun bil-fors 'dactyl' u l-aħħar tkun taqsima ta' żewġ sillabi, jiġifieri jew 'spondee' jew 'trochee'. Rari ħafna Virġilju kien iqiegħed 'spondee' (żewġ aċċenti wara xulxin li minnhom l-ewwel wieħed biss jinħass sewwa għax hu l-ewlieni) fil-ħames taqsima u 'dactyl' (aċċent u warajh żewġ sillabi mingħajru) bil-fors fir-raba' mħabba f'dan. Vers kollu 'spondees' jew kollu 'dactyls' xi ftit jew wisq ikun monotonu. Vers b'iktar 'spondees' milli 'dactyls' taqrah bil-mod, hu vers solenni, meqjus, ssibu f'xi xeni serji ta' swied il-qalb. Vers bil-kuntrarju jkun mexxej, ħafif iktar.

L-iktar ħaġa mpurtanti fil-vers tas-sitta Latin hi l-pawsa, ċ-'caesura', fit-tielet taqsima tal-vers, xi minn daqqiet, iżda rari ħafna, fir-raba'. L-aħjar meta ssibha wara l-aċċent mhux wara sillaba mingħajru. Ir-regola hi pawsa wara aċċent fit-tielet taqsima. Billi din ħaġa iebsa wisq, ħafna drabi ssib kwalitajiet oħrajn. Biex tagħmilha trid kull vers issib kelma tispiċċa preċiż b'aċċent u li l-aħħar sillaba tagħha tkun l-ewwel sillaba tat-tielet taqsima, għax iċ-'caesura' trid tkun wara tarf ta' kelma mhux fin-nofs tal-kelma. Għalhekk diċ-'caesura' l-iktar ħaġa iebsa li sibt.

Jekk toqgħod tanalizza sewwa r-ritmu mexxej tal-eżametru għandek issib li biċċa biċċa jista' jinbena minn xi versi tal-metrika Maltija b'xi sillaba jew tnejn bejniethom 'l hawn u 'l hemm. Meta hemm sillaba waħda bejn żewġ aċċenti fil-Malti, qisu għandek tliet aċċenti, u s-sillaba tan-nofs tieħu aċċent sekundarju w għalhekk b'valur tawwali. Hekk fil-vers tal-erbgħa, 'dàrba wàħda', tħosshom l-erbgħa aċċentati u l-erbgħa twal għalkemm l-aċċent prinċipali w ewlieni jaqa' fil-bidu ta' kull kelma bħal ma fi 'spondee' tal-poeżija Latina l-aċċent ewlieni jaqa' fuq l-ewwel sillaba. L-aċċent b'hekk jista' jtawwal is-sillaba tal-qrib, u b'hekk jista' jkollna 'spondees'. Il-possibiltà ta' 'dactyls' issibha fil-versi tas-sitta, tal-

għaxra, tal-ħamsa, tad-disgħa w tal-ħdax Malti. Hekk il-vers tas-sitta 'benninni ha norqod' jieħu tul xorta fuq l-ewwel żewġ sillabi bl-aċċent ewlieni fuq it-tieni sillaba, jieħu tul w aċċent fuq l-aħħar tnejn bl-aċċent ewlieni fuq is-sillaba qabel l-aħħar, u jieħu żewġ sillabi mingħajr aċċent fin-nofs li għalhekk bis-sillaba ta' qabilhom jagħmlu 'dactyl'. Kif ġa għedna, fejn m'hemmx ħlief sillaba waħda bejn tnejn aċċentati dik tan-nofs tkun twila wkoll, u għalhekk meta l-aċċent jaqa' fuq it-tieni sillaba minn quddiem jew fuq is-sillaba qabel l-aħħar, l-ewwel u l-aħħar sillaba tkun twila w aċċentata wkoll. Fil-vers tal-għaxra, 'kont nisthàjjel li nàħkem is-séma', għandek l-ewwel żewġ sillabi mingħajr aċċent li wara kelma oħra jistgħu jsawru 'dactyl', hemm imbagħad żewġ 'dactyls' fin-nofs, u ssib 'spondee' fl-aħħar. Fil-vers tal-ħamsa, 'għòlja xemxija', għandek 'dactyl' u 'spondee'. Meta tgħaqqad xi wħud minn dawn il-versi tista' ġġib il-vers eżametru: 'ġlied ser jien ngħanni u 'l dàk li l-èwwel mix-xtàjta ta' Troja', fejn l-ewwel ħames sillabi qishom vers tal-ħamsa u l-bqija qishom vers tal-għaxra.

Iżda hemm ħaġa li tibdel kompletament dat-tgħaqqid u tagħmel vers ġdid, l-eżametru, — l-pawsa, ċ-'caesura', li jekk tifred xi mkien mill-vers tista' b'hekk iġġib aċċenti oħra. Hekk meta tidħol fl-ewwel vers tal-Eneide, 'ġlied ser jien mgħanni u 'l dak / li l-ewwel mix-xtajta ta' Troja', l-ewwel sillaba tal-vers tal-għaxra, "'l dak', issir twila għax tiġi fit-tarf tal-vers ta' qabel il-pawsa u tieħu t-tul tagħha wkoll minn għand il-pawsa stess, waqt li s-sillaba ta' warajha ssir twila għax tibda vers w għandha aċċent ewlieni warajha. Mingħajr dil-pawsa l-vers jitlef dawn l-aċċenti, ikun żewġ versi mqiegħda ħdejn xulxin u mhux eżametru, jkun vers tal-ħamsa u ieħor tal-għaxra li l-ewwel żewġ sillabi tiegħu jkunu bla aċċent,' 'l dak li'. It-toqol jinsab sewwa sew biex iddaħħal dil-pawsa u ssib kelma tispiċċa b'aċċent, naturali jew imħabba l-post tagħha, bl-aħħar sillaba tagħha mqiegħda fil-bidu tat-tielet taqsima tal-vers. B'din il-pawsa l-vers sar fih vers tal-ħamsa, 'ġlied ser jien ngħanni', sillaba twila fin-nofs, 'dak', u vers tad-disgħa, 'li l-ewwel mix-xtajta ta' Troja', li jaqbel sewwa mal-vers tad-disgħa ta' Ġ. Muscat Azzopardi, 'oħòrġu mill-òqbra minsija'. Il-pawsa b'hekk taqsam il-vers fi tnejn.

Waqt li xi biċċiet mill-eżametru jistgħu jitqiesu bħala versi Malti, l-eżametru għandu ħafna ritmi li l-versi konvenzjonali fil-Malti m'għandhomx. L-ebda vers Malti ma fih il-ħeffa mexxejja w sabiħa tal-vers mill-Eneide, 'ħàrab fl-Itàlja b'destin', li fih seba' sillabi w li magħqud ma' vers jixbah tak tad-disgħa jtik il-vers mexxej, 'ħàrab fl-Itàlja b'destin / u b'hekk niżel fl-art ta' Lavinu.' Il-vers isir iktar mexxej u sabiħ iktar ma jżid 'dactyls', 'ħàfna kien ġàrrab fuq l-àrt / u fuq ibħra mitfùgħ b'qawwet Ġùnù.' Imbarra dan, it-tibdil ta' 'spondees' flok 'dactyls' iġib varjetà kbira fil-versi b'mod li l-ebda vers m'hu preċiż bħal ta' qablu. Il-pawsa stess

tħaffef il-qari u bit-tibdil tagħha, daqqa wara aċċent u daqqa le, daqqa fit-tielet w oħra fir-raba' taqsima tal-vers, tvarja l-versi.

Bħas-soltu, vokali qabel oħra f'tarf il-kliem tinħataf – 'elizjoni': 'ġlied ser jien ngħanni u 'l dak....'. Iżda ġie li l-vers ikollu bżonn iż-żewġ vokali w għalhekk iqiegħed 'diaeresis', żewġ tikek żgħar, fuq il-vokali li ma tintilifx. Din għandha ssir mill-inqas.

Mbarra d-diffikultà tat-teknika fit-traduzzjoni sibt problema ieħor, problema ta' kull traduzzjoni, iżda l-iżjed meta taqleb xi awtur bħal Verġilju li kien jikteb b'ekonomija hekk kbira ta' kliem li sibtha tqila wisq biex għal kull vers Latin nikteb vers wieħed biss u mhux tnejn fil-Malti. Biex issib il-kelma preċiża li tfisser dak kollu li trid tgħid fil-Latin (għax fil-Latin ħafna drabi kelma tfisser ħafna kliem u ħsibijiet f'salt) u li fl-istess waqt ittik l-aċċent li trid u l-pawsa meħtieġa trid tħabbel rasek mhux ftit.

Mhux il-ħsieb tiegħi li nintroduċi 'l-Eneide. Kull ktieb tajjeb li jittratta fuqu jkollu introduzzjoni tajba biżżejjed. Ix-xogħol tiegħi hu biss li nuri kif jista' jissawwar il-vers eżametru fil-Malti w għalhekk qed inġib dis-silta mit-traduzzjoni.

## IL-ĠRAJJA T'ENEAS

GLIED ser jien ngħanni u 'l dak li l-ewwel mix-xtajta ta' Troja
Ħarab fl-Italja b'destin u b'hekk niżel fl-art ta' Lavinu;
Ħafna kien ġarrab fuq art u fuq ibħra mitfugħ b'qawwet Ġuno;
B'rabja l-kiefra alla ftakret fl-għażla ta' Venere flokha;
Mhux ftit ġarrab fil-gwerra l-qalbieni biex daħħal ġo Lazju
'l Vesta, biex waqqaf il-belt li minnha ħarġu l-Latini,
Minnha niżlu l-Albani, nbnew il-ħitan kbar ta' Ruma.

Għidli, O Leħma, l-għaliex, liema alla kien huwa qatt weġġa',
X'ġarrbet ma'idejh omm l-allat biex slaleb bħal dawn kellu jbati,
Bniedem magħruf għal qlubitu, għad-dmir tant ħruxija, tant ġrajja
Ġarrab. Kif tista' tinsab tant rabja hekk kiefra fis-sema?

Belt mill-eqdem kien hemm mibnija minn nies ġew minn Tirja,
Bnewha 'l Kartaġni mill-bogħod tħares dritt lejn it-Tevre fl-Italja,
Tfur bil-ġid u qawwija dejjem tissielet u tirbaħ.
Lilha jgħidu li Ġuno ħabbet fost l-artijiet kollha,
Telqet għaliha lil Samo, l-armi u l-karru hawn ġabet.
Xtaqet u ħadmet mill-ewwel biex tara dil-belt taħkem taħtha
D-dinja, jekk dan seta' jseħħ b'xi destin għax semgħet li darba
Nisel mid-demm minn ta' Troja jeqred kellu u ħerba
Jagħmel f'Kartaġni l-għażiża, li poplu kburi fil-gwerra
L-Afrika jkisser u jaħkem, il-ġnus kollha jqiegħed taħt madmad.

Hekk kellu jkun mid-destin illi Ġuno mkidda bdiet tibża'.
Ftakret fil-gwerra li darba qanqlet u qajmet ma' Troja
Ġlieda li ssiltet b'imħabba għal Argos, l-għadu ta' Iljum.
Ftakret l-għaliex bil-mibegħda qalbha għadha tingħafas:
Tara mill-ġdid qisu l-bieraħ l-għażla ta' Venere flokha,
Tara lil Paris fis-silta sbuħitha jkasbar, u seħtet
Ġensu wkoll għaliex Ġove ha 'l Ganimede flok bintha.
B'hekk qalbha xegħlet u 'l dawk li mill-Griegi u l-kiefer Akille
Ħarbu, fuq l-ibħra ġerriet u xeħtet il-bogħod hekk minn Lazju.
Ħafna snin twal iġġerrew u l-ibħra koll' huma kinsu,
Mkarkra mill-kiefer destin, maħqurin wara l-waqgħa ta' Troja.
Tant swiet għaraq il-waqfa ta' Ruma, tant ġrajja w tbatija.

Kienu bil-kemm laħqu telqu b'ferħ mill-port ta' Sqallija,
L-qlugħ kienu fetħu, l-baħar f'ragħwa bil-qdif kollu qanqlu.
Ġuno li żammet ġo qalbha mibegħda bla tmiem hekk bdiet taħseb:
'Sejra jien nieqaf mirbuħa fil-qirda li bdejt, ma nkunx nista',
Jiena, infixkel is-saltna li jridu t-Trojani fl-Italja?
Lili d-destin ma jħallix. Lil Pallas ħalla iżda taħraq
T'Argos ix-xwieni u n-nies fil-baħar tgħarraqhom imħabba
L-ħtija u l-ġenn kbir ta' Ajjax, dak li nsulta 'l Kassandra.
B'idha stess is-sajjetti ta' Ġove qlielmis-sħab tefgħet,
Kissret ix-xwieni w l-ibħra qallbet bl-irjieħ u lil Ajjax
Qalbu nifditlu b'sajjetta, n-nar beda joħroġ minn fommu,
Ħatfet fi tromba w kaħħlitu mtertaq ġo blata niggieża;
Jien ir-reġina tas-sema, oħt u l-mara ta' Ġove,
Jien iżda ili nissielet għal snin hekk kbar ma' dir-razza.
Min qatt għalhekk lili jqim jew tiegħi jadura l-qawwa,
Min lili jitlob ha nħenn, fuq l-artal min iqegħedli xi debħa?'

Dan f'moħħha mberren bdiet tqalleb Ġuno kif marret f'Eolja,
L-art fejn tingħamel ix-xita w l-irjieħ jimlew kollox b'qawwithom.
Hawn f'għerien kbar b'qawwet driegħu jaħkem ir-Re kien Eolus,
R-rjieħ kollha jsabbtu jrażżan, fgat l-għajjat tat-tempesti;
Dan kien il-ħabs fejn bil-ktajjen hu kien iżomhom fil-madmad,
Huma iżda b'ragħda qawwija jgemgmu w iriegħdu l-muntanja,
Jsabbtu l-bibien. F'quċċata, fl-għoli, kien sidhom Eolus,
F'idu x-xettru, bil-qiegħda jrażżan ir-rabja w il-qilla,
Nkella l-ibħra w is-sema w l-artijiet kollha jobormu
W jgħollu f'leħħa ta' berqa w iħalltu kollox mal-arja:
Biex dan jisfa fix-xejn f'għerien mudlama qafilhom,
Ġove li jista' kollox, taħt toqol ta' l-ogħla muntanji.
Ħakem qegħdilhom li amar biex biss meta huwa jgħid iva
Jeħles l-irwiefen mill-għar ġewwa jgħakkishom taħt driegħu.

All Kinds of Books, Typewriters,

Adding Machines and Office Requisites

*obtainable from:*

**A.C. AQUILINA & CO.**

58d, Kingsway - Valletta

Tel. C. 24774

**THE SENSATIONAL GALA INSTANT LEARNING**

Foreign Languages
courses in
**French, Italian, German, Spanish, Russian**

**£4 each**

**ANTHONY D'AMATO**

*SOLE AGENTS FOR*

**GALA RECORDS**

**98, ST. JOHN STREET,**
**VALETTA**
(Down Savoy Cinema)

*Stampat l-M.U.P.*